Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2133(INI)

16.9.2025

EMENDI
1 - 252

Abbozz ta' rapport
Johan Danielsson
(PE775.631v01-00)

L-indirizzar tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u r-rwol tal-intermedjarji sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema
(2025/2133(INI))

Emenda 1
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/1712[3],	***imħassar***
[3] ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj.	

Or. en

Emenda 2
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI"),

Or. en

Emenda 3
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali,

Or. en

Emenda 4
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2025 bit-titolu "Evalwazzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)" (COM(2025)0256),	***imħassar***

Or. en

Emenda 5
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Qafas	***imħassar***

strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 Is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel" (COM(2021)323 final), inkluż l-approċċ Viżjoni Żero għall-imwiet relatati max-xogħol fl-UE,

Or. en

Emenda 6
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-ELA "Is-settur tal-kostruzzjoni: Kwistjonijiet fl-għoti ta' informazzjoni, l-infurzar tal-liġi dwar il-mobbiltà tal-ħaddiema, ir-regolamenti dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri[1a],
	[1a] https://www.ela.europa.eu/en/publications/construction-sector-issues-information-provision-enforcement-labour-mobility-law

Or. en

Emenda 7
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni

tal-ILO dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjieg (il-Konvenzjoni Nru 181, 1997),	tal-ILO dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjieg (il-Konvenzjoni Nru 181, 1997) ***ratifikata minn 13-il Stat Membru biss (BE**, **BG, CZ, FI, FR, HU, IT, LT, NL, PL, PT, SK u SP),***

Or. en

Emenda 8
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fil-Kostruzzjoni (il-Konvenzjoni Nru 167, 1988),	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-ILO ***dwar*** dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fil-Kostruzzjoni (il-Konvenzjoni Nru 167, 1988) ***ratifikata minn 11-il Stat Membru biss (BE**, **CZ, DK, FI, DE, HU, IT, LU, SK, ES u SE),***

Or. en

Emenda 9
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra rapport ta' Settembru 2025 ta' Erik Sinander, Professur Assoċjat fl-Università ta' Stokkolma, bit-titolu "L-UE tista' tirrestrinġi s-sottokuntrattar? Perspettiva legali"[1a],
	[1a] https://su.diva-portal.org/smash/get/diva2:1994767/FULLTEXT01.pdf

Or. en

Emenda 10
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Tripartitika tas-Summit tas-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse għal Djalogu Soċjali Ewropew B'Saħħtu, tal-31 ta' Jannar 2024[1a],
	[1a] https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=27309&langId=en

Or. en

Emenda 11
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Pascal Arimont, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 "Boxxla għall-kompetittività tal-UE" (COM(2025)30 final)

Or. en

Emenda 12
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Pascal Arimont, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen

Warborn, Arba Kokalari, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tad-9 ta' Settembru 2024 ta' Mario Draghi, intitolat "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-rapport Draghi),

Or. en

Emenda 13
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' [xx] Settembru 2025 mill-Ekonomista Ewlieni ta' Swedish Enterprise, Lars Jagrén, bit-titolu "L-effetti tal-limitar tal-għadd ta' livelli ta' sottokuntratturi għal tnejn) [se joħroġ dalwaqt],

Or. en

Emenda 14
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-istrateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema, ix-xogħol furzat u x-xogħol mhux iddikjarat[10],	– wara li kkunsidra l-istrateġiji nazzjonali għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema, ix-xogħol furzat u x-xogħol mhux iddikjarat[10] ***u skont ir-***

Rapport Globali 2018 dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC)*, *2,5 miljun persuna ddaħħlu klandestinament fl-2016 biss, waqt li madwar USD 5,5–7 biljun f'tariffi ġew imħallsa lil dawk li ffaċilitaw id-dħul klandestin tagħhom,

[10] Ara, pereżempju: Ministeru Federali Ġermaniż għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, Nationaler Aktionsplan gegen Arbeitsausbeutung und Zwangsarbeit, 2025; Ministeru Taljan għax-Xogħol u l-Politiki Soċjali, Piano nazionale per la lotta al lavoro sommerso, 2022; Ministeru Spanjol għall-Inklużjoni, is-Sigurtà Soċjali u l-Migrazzjoni, Plan de Acción contra el Trabajo Forzoso, 2021; Gvern Żvediż, Nationell strategi mot arbetslivskriminalitet, 2022, kif ukoll: Gvern Norveġiż, Strategi mot arbeidslivskriminalitet, 2021.

Or. en

Emenda 15
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (id-Direttiva dwar sanzjonijiet kontra min iħaddem),

Or. en

Emenda 16
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Borta UAB, C-298/15, EU:C:2017:266, dwar l-akkwist pubbliku,

Or. en

Emenda 17
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;	***imħassar***

Or. en

Emenda 18
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema ***fis-suq*** tax-xogħol tal-UE	A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema ***f'xi setturi b'livell għoli ta'***

jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;

riskju tas-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna; ***billi dawn il-prattiki illegali diġà huma koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti;***

Or. en

Emenda 19
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;	A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema ***f'każijiet speċifiċi u f'setturi ta' riskju*** fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti***, magħrufa bħala impjieg illegali***, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;

Or. en

Emenda 20
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti, li	A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida mifruxa u urġenti, li

tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;	tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali ***u l-migrazzjoni illegali***, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;

Or. en

Emenda 21
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE ***jikkostitwixxu*** sfida ***mifruxa u urġenti***, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;	A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE ***huma*** sfida ***li hi aktar prominenti f'ċerti setturi u Stati Membri***, li tidher taħt diversi ***forom u*** terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;

Or. en

Emenda 22
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida ***mifruxa u urġenti***, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali***,*** l-isfruttament tal-ħaddiema ***u l-iskjavitù moderna***;	A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali ***u*** l-isfruttament tal-ħaddiema;

Or. fr

Emenda 23
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida ***mifruxa u urġenti***, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;	A. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol tal-UE jikkostitwixxu sfida, li tidher taħt diversi terminoloġiji, inkluż iżda mhux limitat għall-kriminalità relatata max-xogħol, ix-xogħol mhux iddikjarat, l-ekonomija griża, id-dumping soċjali, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-iskjavitù moderna;

Or. en

Emenda 24
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi s-setturi li huma konsistentement f'riskju għoli fl-Istati Membri kollha jinkludu l-kostruzzjoni, l-agrikoltura, l-ospitalità, ix-xogħol domestiku, it-trasport u l-loġistika, l-ipproċessar tal-laħam u tal-ikel, it-tindif u l-kura; billi s-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari, qed jiffaċċja skarsezzi dejjem akbar ta' ħaddiema, aggravati minn prattiki ta' sottokuntrattar abbużivi;

Or. en

Emenda 25
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-konsegwenzi tal-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema jestendu lil hinn mill-ħaddiema li huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inġusti u mhux sikuri, pagi inadegwati, alloġġamenti deplorevoli u impjiegi prekarji, peress li għandhom ukoll impatt fuq l-intrapriżi, speċjalment l-SMEs, li huma soġġetti għal kompetizzjoni inġusta u distorsjonijiet tas-suq;

Or. en

Emenda 26
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi parti kbira minn dawk l-abbużi u n-nuqqasijiet jinvolvu u jimmiraw speċifikament ħaddiema li jinsabu fl-Istati Membri illegalment;

Or. fr

Emenda 27
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-Europol tenfasizza li 86 % tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida jużaw strutturi kummerċjali legali bħala parti mill-attività kriminali tagħhom;	B. billi l-Europol tenfasizza li 86 % tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida jużaw strutturi kummerċjali legali bħala parti mill-attività kriminali tagħhom; ***billi l-analiżi u l-attivitajiet operazzjonali tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol jenfasizzaw riskji akbar ta' sfruttament u abbuż tal-ħaddiema marbuta ma' ktajjen ta' sottokuntrattar twal u kumplessi kif ukoll forom frawdolenti ta' intermedjazzjoni tax-xogħol, fil-forma ta' pagi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhux imħallsa, kundizzjonijiet tax-xogħol u standards tas-sikurezza degradanti, dipendenza u prekarjetà, postijiet tax-xogħol frammentati, nuqqas ta' informazzjoni u konsultazzjoni, evażjoni tar-responsabbiltajiet tal-impjegaturi, eċċ.;***

Or. en

Emenda 28
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-Europol tenfasizza li 86 % tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida jużaw strutturi kummerċjali legali bħala parti mill-attività kriminali tagħhom;	B. billi l-Europol tenfasizza li 86 % tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida jużaw strutturi kummerċjali legali bħala parti mill-attività kriminali tagħhom ***li tikkostitwixxi theddida serja għall-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku Ewropew***;

Or. en

Emenda 29
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-biċċa l-kbira tas-setturi f'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema għandhom varjabbli komuni ta' intensità għolja tax-xogħol flimkien ma' dipendenza fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar, il-preżenza ta' intermedjarji tax-xogħol abbużivi kif ukoll dipendenza qawwija fuq ħaddiema stazzjonati, ħaddiema mobbli tal-UE u nazzjonali ta' pajjiżi terzi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 30
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-biċċa l-kbira tas-setturi f'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema għandhom varjabbli komuni ta' intensità għolja tax-xogħol flimkien ma' dipendenza fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar, il-preżenza ta' intermedjarji tax-xogħol abbużivi kif ukoll dipendenza qawwija fuq ħaddiema stazzjonati, ħaddiema mobbli tal-UE u ***nazzjonali*** ta' pajjiżi terzi;	C. billi fil-biċċa l-kbira tas-setturi f'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema għandhom varjabbli komuni ta' intensità għolja tax-xogħol flimkien ma' dipendenza fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar ***b'mod vertikali u orizzontali***, il-preżenza ta' intermedjarji tax-xogħol abbużivi kif ukoll dipendenza qawwija fuq ħaddiema stazzjonati, ħaddiema mobbli tal-UE u ***ċittadini*** ta' pajjiżi terzi; ***billi d-dipendenza fuq forom ta' impjieg mhux standard u arranġamenti transfruntiera kumplessi ċċajpar id-drittijiet tal-ħaddiema u r-responsabbiltajiet tal-impjegaturi u tkompli tikkomplika s-sensibilizzazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-liġijiet tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi applikabbli;***

Or. en

Emenda 31
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***fil-biċċa*** l-kbira tas-setturi f'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema għandhom varjabbli komuni ta' intensità għolja tax-xogħol flimkien ma' dipendenza fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar, il-preżenza ta' intermedjarji tax-xogħol abbużivi kif ukoll dipendenza qawwija fuq ***ħaddiema*** stazzjonati***,*** ħaddiema mobbli tal-UE ***u nazzjonali*** ta' pajjiżi terzi;	C. billi ***l-biċċa*** l-kbira tas-setturi f'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema għandhom varjabbli komuni ta' intensità għolja tax-xogħol flimkien ma' dipendenza fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar, il-preżenza ta' intermedjarji tax-xogħol abbużivi kif ukoll dipendenza qawwija fuq ***il-minoranza tal-ħaddiema*** stazzjonati ***u*** ħaddiema mobbli tal-UE ***kif ukoll fuq parti sinifikanti miċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***u migranti illegali esposti għar-riskju ta' skjavitu***;

Or. en

Emenda 32
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-biċċa l-kbira tas-setturi ***f'riskju*** għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema ***għandhom varjabbli komuni ta' intensità għolja tax-xogħol flimkien ma' dipendenza fuq ktajjen twal u kumplessi ta' sottokuntrattar, il-preżenza ta' intermedjarji tax-xogħol abbużivi kif ukoll dipendenza qawwija fuq ħaddiema*** stazzjonati, ***ħaddiema*** mobbli tal-UE u ***nazzjonali*** ta' pajjiżi terzi;	C. billi ***varjabbli komuni*** fil-biċċa l-kbira tas-setturi ***b'livell ta' riskju*** għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema ***hija n-nuqqas ta' trasparenza u infurzar xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tal-permessi, it-taxxi u l-identitajiet tal-ħaddiema*** stazzjonati, ***tal-ħaddiema*** mobbli tal-UE u ***taċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 33
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-preżenza ta' atturi frodulenti u kriminali fil-postijiet tax-xogħol Ewropej tippreżenta wkoll riskji għas-sigurtà, b'mod partikolari meta taffettwa setturi tal-infrastruttura kritika, bħat-trasport u l-loġistika, il-kostruzzjoni, l-enerġija u l-kura tas-saħħa, jew attivitajiet b'aċċess għal postijiet tax-xogħol sensittivi għas-sigurtà, b'mod partikolari t-tindif u l-manutenzjoni;

Or. en

Emenda 34
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi s-sottokuntrattar għandu jkun xprunat mill-ħtieġa ta' għarfien espert speċjalizzat jew biex jiġu esternalizzati kompiti mhux ewlenin li jaqgħu barra mill-operazzjonijiet ewlenin ta' kumpanija, aktar milli jintuża biex jitwettqu l-attivitajiet ewlenin tal-kumpaniji, minn ħaddiema impjegati minn kuntratturi jew minn ditti sottokuntrattati, b'kundizzjonijiet anqas favorevoli;

Or. en

Emenda 35
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi x-xogħol stazzjonat fl-UE dejjem kien qasam li fih iseħħu proporzjon sinifikanti ta' abbużi u nuqqasijiet fir-rigward tal-liġi tax-xogħol u l-kompetizzjoni ġusta bejn il-ħaddiema;

Or. fr

Emenda 36
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali huwa parti kostitwenti mill-isfruttament tal-ħaddiema, u b'hekk jikkomprometti l-approċċ Viżjoni Żero għall-imwiet relatati max-xogħol kif stabbilit fil-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 tal-Kummissjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 37
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***nazzjonal*** ta' pajjiż terz;	D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta' ***ħaddiema*** ċittadini ta' pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***ċittadin*** ta' pajjiż terz; ***billi l-ħaddiema mobbli u migranti huma esposti b'mod speċjali għal intermedjarji bla skrupli bbażati fil-pajjiżi ta' oriġini jew ta' destinazzjoni tal-ħaddiema u jdaħħlu lill-ħaddiema f'nassa ta' dipendenza għall-viżi u tariffi eċċessivi għar-reklutaġġ, l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni;***

Or. en

Emenda 38
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont ***l-ELA***, l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***nazzjonal*** ta' pajjiż terz;	D. billi skont ***l-istudju mhux eżawrjenti tal-ELA li jiffoka biss fuq għażla limitata ħafna ta' setturi***, l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***fis-setturi magħżula*** qed jiżdied, u wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***ċittadin*** ta' pajjiż terz; ***billi l-ħaddiema stazzjonati huma protetti minn leġiżlazzjoni tal-istazzjonar;***

Or. en

Emenda 39
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta'	D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta'

ċittadini ta’ pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba’ ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***nazzjonal*** ta’ pajjiż terz;	ċittadini ta’ pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba’ ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***ċittadin*** ta’ pajjiż terz***, skont il-metodoloġija tal-istudju, li qieset biss is-setturi tal-kostruzzjoni u dawk domestiċi f’għadd partikolari ta’ pajjiżi ta’ studju tal-każijiet***;

Or. en

Emenda 40
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba’ ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***nazzjonal*** ta’ pajjiż terz;	D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba’ ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***ċittadin*** ta’ pajjiż terz; ***billi ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi għandhom it-tendenza li jkunu anqas rappreżentati mit-trade unions u għandhom aktar diffikultajiet biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jaċċessaw is-sistema ġudizzjarja;***

Or. en

Emenda 41
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba’ ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa nazzjonal ta’ pajjiż terz;	D. billi skont l-ELA, l-istazzjonar ta’ ***ħaddiema*** ċittadini ta’ pajjiżi terzi***, li jikkostitwixxu grupp partikolarment vulnerabbli ta' ħaddiema,*** qed jiżdied, u wieħed minn kull erba’ ħaddiema

	stazzjonati fl-2022 huwa nazzjonal ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 42
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Pascal Arimont, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi ***skont l-ELA, l-istazzjonar ta' ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***qed jiżdied, u*** wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 ***huwa nazzjonal ta' pajjiż terz***;	D. billi ***ċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***stazzjonati qed jiġu impjegati dejjem aktar f'setturi b'livell baxx ta' riskju, u kienu jikkostitwixxu*** wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 ***skont l-ELA***;

Or. en

Emenda 43
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi skont ***l-ELA***, l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***nazzjonal*** ta' pajjiż terz;	D. billi skont ***l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)***, l-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi qed jiżdied, u wieħed minn kull erba' ħaddiema stazzjonati fl-2022 huwa ***ċittadin*** ta' pajjiż terz***, minħabba l-iskarsezzi kroniċi ta' ħiliet u ħaddiema fl-UE***;

Or. en

Emenda 44
Miriam Lexmann, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi s-sottokuntrattar għandu rwol essenzjali fl-ekonomija; billi hemm differenzi konsiderevoli fl-użu tas-sottokuntrattar fost is-setturi u l-kumpaniji; billi l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji jużaw forma waħda jew aktar ta' sottokuntrattar għal ċerti attivitajiet li mhumiex l-attività ewlenija tal-kumpanija tagħhom; billi l-possibbiltà li jiġi offrut għarfien espert lil kumpaniji kbar fi ħdan is-sottokuntrattar iġġib magħha ħafna opportunitajiet għall-SMEs;

Or. en

Emenda 45
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-prattika frawdolenti ta' "reklutaġġ għal stazzjonar" qed tiġi osservata dejjem aktar, fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu reklutati mhux biex jaħdmu fl-Istat Membru fejn jintbagħtu iżda biss għall-fini li jiġu stazzjonati fi Stat Membru ieħor; billi l-ELA identifikat li din il-prattika hija sfida li qed tikber fir-rigward tal-infurzar, b'mod partikolari fil-kostruzzjoni, il-kura, it-trasport u l-loġistika;[1a]
	[1a] Rapport tal-ELA "L-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi: katini ta' kuntrattar, xejriet ta' reklutaġġ, u kwistjonijiet ta' infurzar", 2025

Or. en

Emenda 46
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-prinċipju 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jfakkar li, irrispettivament mit-tip u d-durata tar-relazzjoni ta' impjieg, il-ħaddiema għandhom id-dritt igawdu minn trattament ġust u ugwali rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ; billi għandhom jiġu prevenuti relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji;

Or. en

Emenda 47
Miriam Lexmann, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-UE hija waħda mill-erba' libertajiet u għaldaqstant hija ġebla tax-xewka tas-suq intern;

Or. en

Emenda 48
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);	E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, ***joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni ġusta, jiskuraw ir-responsabbilt,*** iżidu r-riskji relatati mal-frodi***, l-isfruttament tal-ħaddiema u l-prattiki frodulenti, b'mod partikolari f'setturi b'riskju għoli u fix-xogħol transfruntiera***, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); ***billi n-nuqqas ta' trasparenza u sorveljanza fl-arranġamenti ta' sottokuntrattar estiżi jagħmluha aktar diffiċli għall-impjegaturi biex jiżguraw il-konformità mad-dritt tal-UE u nazzjonali applikabbli;***

Or. en

Emenda 49
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, ***madankollu***, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);	E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat***, u għandu rwol essenzjali fl-ekonomija***; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, ***f'xi setturi ta' riskju u f'okkażjonijiet speċifiċi***, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); ***billi huma l-SMEs li normalment jistgħu joffru għarfien espert***

lil kumpaniji akbar;

Or. en

Emenda 50
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, ***filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat***; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);	E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, ***li jagħmilha possibbli li jiġu ssodisfati ħtiġijiet speċjalizzati, ta' kapaċità jew strateġiċi***; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

Or. fr

Emenda 51
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-	E. billi s-sottokuntrattar huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert speċjalizzat***, u huwa speċjalment importanti biex l-SMEs jiffjorixxu***; billi l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-

intrapriżi***, speċjalment l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***;	sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi;

Or. en

Emenda 52
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi s-sottokuntrattar ***huwa prattika importanti u jiffunzjona tajjeb f'ħafna setturi, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għal*** għarfien espert speċjalizzat; billi ***l-ktajjen twal u kumplessi tas-sottokuntrattar jistgħu, madankollu, iżidu r-riskji relatati mal-frodi, l-infiltrazzjoni kriminali, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, u l-kompetizzjoni inġusta għall-intrapriżi, speċjalment l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***;	E. billi s-sottokuntrattar ***għandu jkun limitat u xprunat mill-ħtieġa ta'*** għarfien espert speċjalizzat ***jew ħiliet tekniċi li mhumiex disponibbli fi ħdan kumpanija, jew mill-ħtieġa li jiġu ddelegati kompiti mhux essenzjali li ma jaqgħux taħt il-qasam ta' attività ewlieni ta' dik il-kumpanija***; billi ***l-attivitajiet ewlenin tal-kumpanija għandhom jitwettqu esklużivament minn ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' subordinazzjoni diretta mal-kumpanija ewlenija***;

Or. fr

Emenda 53
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-sottokuntrattar matul dawn l-aħħar tliet deċennji ta' integrazzjoni tas-suq intern tal-UE żviluppa f'mudell ta' negozju dejjem aktar użat fit-twettiq tal-attivitajiet ewlenin tal-kumpaniji, bl-għan uniku li jisseparaw is-setgħa u l-profitt mir-riskji u r-responsabbiltajiet, għad-detriment tax-xogħol deċenti u l-kompetizzjoni ġusta; billi l-ktajjen ta'

sottokuntrattar kumplessi jżidu l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji għas-saħħa u s-sikurezza minħabba responsabbiltajiet mhux ċari, u l-Konvenzjoni Nru 167 tal-ILO tassenja lill-kuntratturi prinċipali d-dmir li jikkoordinaw il-miżuri tas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali;

Or. en

Emenda 54
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi f'ħafna setturi, l-esternalizzazzjoni tintuża b'mod komuni bħala mudell ta' negozju li jwassal għal kompetizzjoni fil-pagi, li twassal għal ġirja lejn l-aktar pagi baxxi, deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija tal-kuntratturi ewlenin, kontroll akbar tal-kumpaniji kbar fuq negozji żgħar u impjieg indipendenti fittizju;

Or. fr

Emenda 55
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema jseħħu fil-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa kollha, iżda ċerti setturi tas-suq tax-xogħol, inkluż il-kostruzzjoni, l-

agrikoltura, l-ospitalità, ix-xogħol domestiku, it-trasport u l-loġistika, l-ipproċessar tal-laħam u tal-ikel, is-servizzi tat-tindif u x-xogħol ta' kura, huma f'riskju ogħla minn oħrajn;

Or. en

Emenda 56
Benedetta Scuderi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Prattiki Kummerċjali Inġusti (UTP) fi ktajjen ta' sottokuntrattar itwal u kumplessi ma jiġux innutati u għalhekk ma jiġux indirizzati, u dan jaggrava l-inugwaljanzi u jiffaċilita prattiki illegali għall-ħaddiema u għall-kumpaniji ta' sottokuntrattar iżgħar, b'mod partikolari fis-settur agroalimentari;

Or. en

Emenda 57
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-sottokuntrattar fost il-kumpaniji u s-setturi tal-ekonomija jvarja b'mod sostanzjali; billi ma hemm l-ebda rabta inerenti bejn is-sottokuntrattar u l-impjieg illegali, u ma jistax jitqies b'mod awtomatiku li s-sottokuntrattar huwa problematiku;

Or. en

Emenda 58
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-sottokuntrattar huwa prattika kummerċjali siewja li tippermetti lill-kumpaniji jaċċessaw għarfien espert speċjalizzat u jwieġbu għall-flessibbiltà tad-domanda b'mod kosteffettiv;

Or. en

Emenda 59
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-limitazzjonijiet tal-ktajjen tas-sottokuntrattar f'setturi fejn l-impjieg illegali huwa estremament rari jew inežistenti jistgħu jipproduċu aktar ħsara lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs;

Or. en

Emenda 60
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi xi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni li tillimita t-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar f'ċerti setturi; billi l-Kummissjoni tqis limitazzjoni ***għal-livelli***	F. billi xi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni li tillimita t-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar f'ċerti setturi***, anke jekk bi gradi differenti ta' suċċess u***

ta' sottokuntrattar u l-estensjoni tar-responsabbiltà tas-sottokuntrattar għall-katina sħiħa bħala prattika tajba għall-Istati Membri; billi hemm ukoll intrapriżi li volontarjament irrestrinġew it-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar tagħhom;

implimentazzjoni; billi l-Kummissjoni tqis ***il-konsegwenzi negattivi u pożittivi ta'*** limitazzjoni ***għall-għadd ta' intermedjarji u jekk jeżistux prattiki tajbin f'dan ir-rigward***; billi hemm ukoll intrapriżi li volontarjament irrestrinġew it-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar tagħhom;

Or. en

Emenda 61
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi xi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni li tillimita t-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar f'ċerti setturi; billi l-Kummissjoni tqis limitazzjoni għal-livelli ta' sottokuntrattar u l-estensjoni tar-responsabbiltà tas-sottokuntrattar għall-katina sħiħa bħala prattika tajba għall-Istati Membri; billi hemm ukoll intrapriżi li volontarjament irrestrinġew it-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar tagħhom;	F. billi xi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni li tillimita t-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar ***b'mod ġenerali jew*** f'ċerti setturi; billi l-Kummissjoni tqis limitazzjoni għal-livelli ta' sottokuntrattar u l-estensjoni tar-responsabbiltà tas-sottokuntrattar għall-katina sħiħa bħala prattika tajba għall-Istati Membri; billi hemm ukoll intrapriżi li volontarjament irrestrinġew it-tul tal-ktajjen tas-sottokuntrattar tagħhom;

Or. en

Emenda 62
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi xi Stati Membri adottaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jipprojbixxu s-sottokuntrattar f'ċerti setturi, u għamluha possibbli li għadd sinifikanti

ta' persuni jiġu impjegati direttament, filwaqt li għenu l-ġlieda kontra d-dumping soċjali u ż-żieda fil-livell ta' garanziji tal-ħaddiema mingħajr ma dgħajfu l-kompetittività tal-kumpaniji soġġetti għal dawk il-bidliet;

Or. fr

Emenda 63
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi r-rapport ta' Letta jissottolinja l-ħtieġa li l-prattiki ta' sottokuntrattar jiġu regolati biex jiġu pprevenuti l-isfruttament u l-abbuż; billi l-ELA u l-Kummissjoni jwissu li ktajjen ta' sottokuntrattar twal u kumplessi spiss jintużaw ħażin biex idgħajfu l-obbligu ta' rendikont u d-drittijiet tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 64
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali, sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 65
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali**,** sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati;	G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali***; billi*** sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati ***ma jistgħux jissejħu intermedjarju tas-suq tax-xogħol, peress li l-għan tagħhom mhuwiex li jiffurmaw pont bejn persuna li qed tfittex impjieg u impjegatur***;

Or. en

Emenda 66
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali, sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati;	G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali, sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati; ***billi teżisti leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kollokament ta' ħaddiema fl-Istati Membri kollha bħala eżitu tad-Direttiva dwar Xogħol Temporanju permezz ta' Aġenzija;***

Or. en

Emenda 67

Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali, sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati;	G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali, sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati ***u dawk in-negozjanti tal-iskjavitu moderna - il-kuntrabandisti tal-Mediterran*** ;

Or. fr

Emenda 68
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali**,** sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati;	G. billi l-prattika tal-intermedjazzjoni tax-xogħol mhijiex definita fil-liġi u tista' tieħu ħafna forom, li jvarjaw minn kumpaniji akbar stabbiliti għal reklutaturi individwali***; billi*** sensara informali u saħansitra kapijiet ta' gruppi organizzati ***jistgħu jagħmluha taparsi ta' intermedjarji tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 69
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

H. billi ***l-intermedjarji*** tax-xogħol li la huma rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati spiss ***jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi*** tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;	H. billi ***l-proċess ta' reklutaġġ informali operat minn intermedjarji*** tax-xogħol li la huma ***regolati, la*** rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati spiss ***jintuża biex joskura u jevadi l-liġi*** tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur***, u b'hekk iżid ukoll b'mod sinifikanti d-dipendenza tal-ħaddiema u r-riskji ta' sfruttament, frodi u abbuż tal-ħaddiema***; ***billi l-prattiki abbużivi ta' reklutaġġ u intermedjazzjoni jistgħu jinkludu ż-żamma jew il-falsifikazzjoni ta' informazzjoni, in-nuqqas ta' għoti ta' kuntratti bil-miktub, l-impożizzjoni ta' tariffi ta' reklutaġġ frodulenti, it-tnaqqis ta' spejjeż tal-akkomodazzjoni eċċessivi mill-pagi, l-impożizzjoni ta' imposti fuq il-ħaddiema għat-trasport, taħriġ, tagħmir, jew permessi tax-xogħol, il-konfiska ta' passaporti, jew l-involviment f'xogħol furzat jew prattiki kontra t-trade unions;***
	Or. en

Emenda 70
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi ***l-intermedjarji tax-xogħol li la huma rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati spiss*** jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;	H. billi ***dawn is-sensara informali u kapijiet ta' gruppi organizzati kultant*** jintużaw ***f'xi setturi ta' riskju*** biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur; ***billi infurzar aħjar tar-regoli eżistenti kif ukoll spezzjonijiet immirati jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra l-impjieg illegali;***
	Or. en

Emenda 71
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-intermedjarji tax-xogħol li ***la huma*** rreġistrati***, la*** liċenzjati ***u lanqas iċċertifikati spiss*** jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;	H. billi l-intermedjarji tax-xogħol li ***mhumiex*** rreġistrati ***jew fejn mitlub,*** liċenzjati***, jistgħu*** jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;

Or. en

Emenda 72
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-intermedjarji tax-xogħol li la huma rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati spiss jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;	H. billi l-intermedjarji tax-xogħol ***moħbija*** li la huma rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati ***huma illegali u*** spiss jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;

Or. en

Emenda 73
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-intermedjarji tax-xogħol li la huma rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati spiss jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur;	H. billi l-intermedjarji tax-xogħol li la huma rreġistrati, la liċenzjati u lanqas iċċertifikati spiss jintużaw biex jaħbu u jevitaw il-liġi tax-xogħol u r-responsabbiltà tal-impjegatur ***fi sforz biex inaqqsu l-ispejjeż billi jużaw ħaddiema importati***;

Or. fr

Emenda 74
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-ħaddiema mobbli u migranti, inkluż dawk minn pajjiżi terzi, huma esposti b'mod speċjali għal intermedjarji bla skrupli bbażati fil-pajjiżi ta' oriġini jew ta' destinazzjoni tal-ħaddiema u li jdaħħlu lill-ħaddiema f'nassa ta' dipendenza għall-viżi, permessi tax-xogħol, akkomodazzjoni u arranġamenti tal-ivvjaġġar;

Or. en

Emenda 75
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi b'reazzjoni għal dawn l-isfidi, diversi pajjiżi Ewropej adottaw pjanijiet ta' azzjoni u politiki nazzjonali li jfittxu li jiġġieldu l-isfruttament tal-ħaddiema, inkluża azzjoni biex jiġi indirizzat l-abbuż fil-ktajjen tas-sottokuntrattar u mill-intermedjarji tax-xogħol;[1a]
	[1a] L-Iżvezja: https://www.regeringen.se/contentassets/f6f461b310984b598ee4f7a2d83350d0/nationell-strategi-mot-arbetslivskriminalitet.pdf, il-Finlandja:

https://julkaisut.valtioneuvosto.fi/bitstream/handle/10024/165395/TEM_2024_5.pdf, l-Italja: https://www.lavoro.gov.it/strumenti-e-servizi/Attuazione-Interventi-PNRR/Documents/DM-58-del-06042023-Aggiornamento-Piano-Lavoro-Sommerso.pdf?utm, il-Ġermanja: https://www.bmas.de/DE/Service/Presse/Meldungen/2025/nationaler-aktionsplan-gegen-arbeitsausbeutung-und-zwangsarbeit-beschlossen.html, Spanja: https://www.mites.gob.es/itss/ITSS/ITSS_Descargas/Atencion_ciudadano/Normativa_documentacion/Docum_ITSS/Plan_accion_TF_ingl.pdf, in-Norveġja: https://www.regjeringen.no/no/dokumenter/strategi-mot-arbeidslivskriminalitet-2021/id2831867/

Or. en

Emenda 76
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi b'rispons għal dawn l-isfidi, is-sħab soċjali fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali, kif ukoll fil-livell settorjali u transsettorjali, ħadu miżuri biex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mas-sottokuntrattar u l-intermedjazzjoni tax-xogħol abbużivi, inkluż permezz ta' negozjar kollettiv u inizjattivi konġunti oħra li jipproteġu l-impjiegi u jissalvagwardjaw l-intrapriżi serji u d-drittijiet tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 77
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi r-rapport tal-Kummissjoni "L-Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli: 71 każ ta' prattika tajba" jenfasizza l-Mudell Norveġiż ta' Skien, li ġie żviluppat b'mod konġunt bejn il-Muniċipalità ta' Skien, it-trade unions, u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, u jinkludi limitazzjonijiet stretti fuq saffi twal ta' sottokuntrattar, użu obbligatorju ta' ħaddiema tas-sengħa u apprendisti, u approvazzjoni minn qabel tal-ħaddiema temporanji, bl-għan li jiġu żgurati r-responsabbiltà u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti f'setturi b'riskju għoli;

Or. en

Emenda 78
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi r-rapport ta' Letta "Ħafna aktar minn sempliċi suq" jissottolinja l-ħtieġa urġenti li l-prattiki ta' sottokuntrattar jiġu regolati biex jiġu pprevenuti l-isfruttament u l-abbuż; billi r-rapport iwissi li ktajjen ta' sottokuntrattar mhux ikkontrollati jistgħu jwasslu għall-erożjoni tal-istandards tax-xogħol, id-dumping soċjali u l-imminar ta' kompetizzjoni ġusta, kif ukoll ksur tal-obbligi relatati mas-saħħa u s-sikurezza;

Or. en

Emenda 79
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hf. billi l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/67/UE jirrikjedi li l-Istati Membri jintroduċu responsabbiltà subkuntrattwali fis-settur tal-kostruzzjoni, bil-possibbiltà li jestenduha għal setturi oħra, u li jintroduċu regoli ta' responsabbiltà aktar stretti;

Or. en

Emenda 80
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hg. billi r-responsabbiltà in solidum fil-ktajjen tas-sottokuntrattar isservi r-rwol doppju li tipprovdi rikors għall-ħaddiema li ġew sfruttati u li tinċentiva lill-kuntratturi fil-katina kollha biex jinvolvu ruħhom f'awtoregolamentazzjoni;

Or. en

Emenda 81
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff,

Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hh. billi l-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-Sħab Soċjali fid-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe impenjaw ruħhom li jagħtu attenzjoni speċjali lill-miżuri fl-oqsma tas-sottokuntrattar u tax-xogħol mal-aġenziji, u rrikonoxxew l-isfidi komuni li dawn iż-żewġ fenomeni jippreżentaw għas-swieq tax-xogħol Ewropej;

Or. en

Emenda 82
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali jista' jkun twil u diffiċli għall-Istati Membri, mhux l-anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern;	***imħassar***

Or. en

Emenda 83
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali ***jista' jkun twil u diffiċli għall-Istati*** Membri, ***mhux l-anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern***;	I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol ***jitwettaq l-aħjar*** fil-livell nazzjonali ***mill-Istati*** Membri, ***bl-aħjar possibbiltà li jaġġustaw għall-kundizzjonijiet u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, kif ukoll l-infurzar ta' tali regolamentazzjoni, li hija kompetenza nazzjonali***;

Or. en

Emenda 84
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali jista' jkun twil u diffiċli għall-Istati Membri, mhux l-anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern;	I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali jista' jkun twil u diffiċli għall-Istati Membri, mhux l-anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern ***kif ukoll gvernijiet fraġli u instabbli***;

Or. en

Emenda 85
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen*** tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali ***jista' jkun twil u diffiċli għall-Istati Membri, mhux l-***	I. billi ***l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom regoli dwar il-ktajjen*** tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali;

anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern;

Or. en

Emenda 86
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali ***jista' jkun twil u diffiċli għall-Istati Membri, mhux l-anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern***;	I. billi l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar u tal-intermedjarji tax-xogħol fil-livell nazzjonali ***jvarja b'mod sinifikanti minn Stat Membru għal ieħor, u b'hekk tinħoloq frammentazzjoni fis-Suq Uniku***;

Or. en

Emenda 87
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***l-proċess ta' regolamentazzjoni tal-ktajjen*** tas-sottokuntrattar u ***tal-intermedjarji*** tax-xogħol fil-livell nazzjonali jista' jkun ***twil u diffiċli għall-Istati*** Membri***, mhux l-anqas minħabba ambigwitajiet legali li jirriżultaw mir-regoli tas-suq intern***;	I. billi ***l-ktajjen*** tas-sottokuntrattar u ***l-intermedjarji*** tax-xogħol ***għandhom jiġu rregolati l-ewwel*** fil-livell nazzjonali***, għalkemm*** jista' jkun ***hemm ukoll xi regolamentazzjoni tal-Unjoni għal każijiet li jinvolvu żewġ Stati*** Membri ***jew aktar***;

Or. en

Emenda 88
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament tal-ħaddiema tirrikjedi spezzjonijiet nazzjonali rigoruż i, kontrolli transfruntiera u liċenzjar/reġistrazzjoni stretti tal-intermedjarji, b'attenzjoni speċjali għall-SMEs (intrapriżi żgħar u ta' daqs medju);

Or. el

Emenda 89
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-proċess ta' sottokuntrattar m'għandux jintuża biex jiddgħajjef ir-rwol tas-sħab soċjali u għandu jirrispetta l-ftehimiet kollettivi applikabbli u d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 90
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Pascal Arimont, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-UE jeħtieġ li tippreserva u ssaħħaħ il-kompetittività tagħha bħala post fejn in-negozji jistgħu jiffjorixxu, kemm fl-Ewropa kif ukoll fix-xena

globali;

Or. en

Emenda 91
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-forniment tas-servizzi huwa pilastru fundamentali tal-UE u s-suq intern tagħha;

Or. en

Emenda 92
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi r-regoli li jirrestrinġu s-sottokuntrattar jistgħu jdgħajfu l-ħila tal-kumpaniji li jorganizzaw ktajjen tal-valur effiċjenti u innovattivi, b'mod partikolari f'setturi esposti għall-kompetizzjoni globali;

Or. en

Emenda 93
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ic (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ic. billi strutturi ta' provvista u sottokuntrattar kumplessi huma meħtieġa għal proġetti transfruntiera fuq skala kbira u biex l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq Ewropej u internazzjonali;

Or. en

Emenda 94
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Pascal Arimont, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Id (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Id. billi l-infurzar tar-regoli eżistenti, kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri, u appoġġ immirat għall-ispettorati tax-xogħol jistgħu jindirizzaw ħafna mit-tħassib marbut ma' ktajjen ta' sottokuntrattar twal mingħajr ma jirrikorru għal limitazzjonijiet riġidi;

Or. en

Emenda 95
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Pascal Arimont, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ie (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ie. billi l-UE għandha tavvanza regolamentazzjoni aħjar biex toħloq regoli ċari, proporzjonati u bbażati fuq l-evidenza li jnaqqsu l-piżijiet bla bżonn,

	isaħħu l-infurzar, u jappoġġjaw il-kompetittività u l-parteċipazzjoni tal-SMEs fis-Suq Uniku;

Or. en

Emenda 96
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;	1. ***Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni fl-Istrateġija tas-Suq Uniku tagħha tal-21 ta' Mejju 2025 li tippreżenta Pakkett dwar il-Mobbiltà Ġusta fl-2026; jenfasizza li l-objettivi ġenerali tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv billi jiġu indirizzati l-ostakli mhux ġustifikati fis-Suq Uniku ma jridux iwasslu għal/jirriżultaw f'inqas protezzjoni għaċ-ċittadini/il-ħaddiema u l-konsumaturi;*** jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema ***u għall-promozzjoni ta' relazzjonijiet tal-impjieg diretti, bħala parti mill-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità, li għandu joħroġ dalwaqt***; ***jenfasizza li din l-istrateġija għandha tintegra wkoll l-aspetti ambjentali, b'rikonoxximent tal-fatt li mudelli tax-xogħol li jinvolvu sfruttament jikkoinċidu ma' prattiki ambjentalment perikolużi;***

Or. en

Emenda 97

Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv ***għall-isfruttament*** tal-ħaddiema ***b'mod ġenerali,*** u forom abbużivi ta' ***sottokuntrattar u intermedjazzjoni*** tax-xogħol ***b'mod partikolari***, ***u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema;	1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv ***biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata transfruntiera marbuta mal-isfruttament*** tal-ħaddiema u forom abbużivi ta' ***prattika kummerċjali; jissottolinja li s-sottokuntrattar u l-intermedjazzjoni*** tax-xogħol ***għandhom jibqgħu responsabbiltà nazzjonali***, ***sabiex jiġu żgurati soluzzjonijiet effettivi, flessibbli u speċifiċi għall-kuntest adattati għal kull Stat Membru biex jiġu miġġielda*** l-isfruttament tal-ħaddiema ***u forom abbużivi ta' prattiki kummerċjali***; ***jissottolinja li l-UE għandha tiffoka fuq il-protezzjoni tal-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, l-appoġġ għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera u mhux fuq l-impożizzjoni ta' leġiżlazzjonijiet dettaljati tas-suq tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 98
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;	1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema ***u x-xogħol illegali***; ***jenfasizza li l-isfruttament tal-***

ħaddiema mhuwiex biss ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u tad-drittijiet tal-bniedem, iżda jdgħajjef ukoll il-kompetizzjoni ġusta għan-negozji; jisħaq fuq il-ħtieġa, f'dan ir-rigward, ta' infurzar aktar b'saħħtu tal-liġijiet tax-xogħol eżistenti biex jiġu żgurati l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-ħaddiema u kundizzjonijiet ekwi;

Or. en

Emenda 99
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***ta' approċċ Ewropew komprensiv*** għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali***, u*** forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u ***għalhekk*** jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea ***għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema***;	1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***li jiġu appoġġjati l-approċċi nazzjonali*** għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali ***li jistgħu jkunu differenti fi Stati Membri u setturi differenti; kif ukoll*** forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u ***fl-istess ħin*** jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea ***li tgħin lill-Istati Membri jikkoordinaw u jsaħħu l-isforzi tagħhom***;

Or. en

Emenda 100
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm	1. ***Jilqa' l-preżentazzjoni futura mill-Kummissjoni ta' pakkett ta' "mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol" fl-2026; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal direttiva tal-UE li tirregola s-sottokuntrattar u l-intermedjazzjoni tax-***

strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;

xogħol; Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;

Or. fr

Emenda 101
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm ***strateġija*** Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;	1. Jisħaq fuq il-ħtieġa***, flimkien mal-Istati Membri,*** ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm ***kooperazzjoni*** Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 102
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***ta' approċċ*** Ewropew ***komprensiv għall-isfruttament*** tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari***, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-***	1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ***li jiġi żviluppat aktar l-immappjar*** Ewropew ***tal-isfruttament*** tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari;

isfruttament tal-ħaddiema;

Or. fr

Emenda 103
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Marlena Maląg, Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema;	1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema***, filwaqt li tiġi protetta l-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej***;

Or. en

Emenda 104
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ ***Ewropew komprensiv għall-isfruttament tal-ħaddiema b'mod ġenerali, u*** forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u ***għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema***;	1. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ ***nazzjonali kontinwu għal*** forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol b'mod partikolari, u ***jappella għal appoġġ Ewropew għall-Istati Membri fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u informazzjoni dwar miżuri nazzjonali xierqa***;

Or. en

Emenda 105
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq ***il-ħtieġa*** ta' approċċ Ewropew ***komprensiv*** għall-isfruttament tal-ħaddiema ***b'mod ġenerali, u*** forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol ***b'mod partikolari, u għalhekk jitlob li jkun hemm strateġija Ewropea għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema***;	1. Jisħaq fuq ***il-konvenjenza li tiġi analizzata l-possibbiltà*** ta' approċċ Ewropew għall-isfruttament tal-ħaddiema ***permezz ta'*** forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol ***f'każijiet fejn jintervjenu żewġ Stati Membri jew aktar***;

Or. en

Emenda 106
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li s-sottokuntrattar huwa mod normali u essenzjali kif isir in-negozju; jissottolinja li huwa essenzjali għal kompetittività li tiffunzjona tajjeb fl-Unjoni Ewropea u parti mil-libertà ta' intrapriża u ta' stabbiliment;

Or. en

Emenda 107
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***1a. Jenfasizza li kwalunkwe inizjattiva li tfittex li tindirizza l-isfruttament tal-ħaddiema u tillimita l-ktajjen ta' sottokuntrattar kumplessi għandha tiġi żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali u mfassla għal realtajiet settorjali speċifiċi;**

Or. en

Emenda 108
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***1a. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa għall-ħaddiema kollha fil-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol li jmiss;**

Or. en

Emenda 109
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***1b. Jenfasizza li strateġija Ewropea kontra l-isfruttament tal-ħaddiema għandha ssir parti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà Ġusta mħabbar mill-Kummissjoni;**

Or. en

Emenda 110
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà*** li l-Istati Membri jirregolaw ***il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg dirett f'setturi*** b'riskju għoli**,** fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;	2. ***Jinnota l-possibbiltà*** li l-Istati Membri jirregolaw ***setturi*** b'riskju għoli fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;

Or. en

Emenda 111
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni ***tiċċara li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux*** lill-Istati Membri ***milli jadottaw leġiżlazzjoni biex*** jindirizzaw ***il-ktajjen tas-sottokuntrattar*** twal u kumplessi, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg ***dirett*** f'setturi b'riskju għoli***, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza***;	2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; ***jenfasizza li n-nuqqas ta' regolamentazzjoni ssarraf fi swieq tax-xogħol fejn il-kumpaniji ma jistgħux jinfurzaw b'mod effettiv id-drittijiet tal-ħaddiema u postijiet tax-xogħol sikuri għall-ħaddiema;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tħeġġeġ*** lill-Istati Membri jindirizzaw ***il-problemi li jirriżultaw minn ktajjen*** twal u kumplessi ***ta' sottokuntrattar permezz tal-leġiżlazzjoni***, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta'

impjieg ***diretti*** f'setturi b'riskju għoli;

Or. en

Emenda 112
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tiċċara li r-regoli*** tas-suq intern tal-UE ***ma jżommux lill-Istati Membri*** milli ***jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi, inkluż ir-rekwiżit ta'*** relazzjonijiet ta' impjieg ***dirett f'setturi b'riskju għoli, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;***	2. jistieden lill-Kummissjoni ***toħroġ komunikazzjoni interpretattiva li tiddikjara li l-Istati Membri mhumiex preklużi mir-regoli*** tas-suq intern tal-UE milli ***jistabbilixxu, f'setturi b'riskju għoli, (a) livelli massimi ta' sottokuntrattar, (b) rekwiżit għal*** relazzjonijiet ta' impjieg ***diretti fejn sostanzjati, u (c) responsabbiltà in solidum tul il-katina kollha.***

Or. el

Emenda 113
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi;*** jistieden lill-Kummissjoni tiċċara ***li r-regoli*** tas-suq intern tal-UE ***ma*** jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi, ***inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg dirett f'setturi***	2. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara ***jekk ir-regoli*** tas-suq intern tal-UE jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi, fejn ikun ***proporzjonat,*** fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;

b'riskju għoli, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;

Or. en

Emenda 114
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni ***tiċċara li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati*** Membri ***milli*** jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen ***tas-sottokuntrattar*** twal u kumplessi, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg ***dirett f'setturi b'riskju għoli, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza***;	2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni ***tikseb kjarifika legali dwar jekk l-Istati*** Membri ***jistgħux*** jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen ***ta' sottokuntrattar*** twal u kumplessi***, mingħajr ma jiġu mxekkla mir-regoli tas-suq intern tal-UE***, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg ***diretti fir-rigward tal-attività ewlenija tal-kumpaniji***;

Or. fr

Emenda 115
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar*** twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi***, inkluż ir-rekwiżit ta'***	2. ***Jisħaq fuq l-opportunità għal approċċ tal-Unjoni fil-każ ta' ktajjen ta' sottokuntrattar*** twal u kumplessi***, fejn qed jintervjenu żewġ Stati Membri jew aktar***; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi;

relazzjonijiet ta' impjieg dirett f'setturi b'riskju għoli, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;

Or. en

Emenda 116
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni ***tiċċara*** li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg dirett f'setturi b'riskju għoli, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;	2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi; jistieden lill-Kummissjoni ***tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura*** li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw leġiżlazzjoni biex jindirizzaw il-ktajjen tas-sottokuntrattar twal u kumplessi, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg dirett f'setturi b'riskju għoli, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza;

Or. fr

Emenda 117
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tal-possibbiltà li l-Istati*** Membri ***jirregolaw il-ktajjen*** tas-sottokuntrattar ***twal u kumplessi***; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara ***li r-regoli tas-suq intern tal-UE ma jżommux lill-Istati Membri milli jadottaw*** leġiżlazzjoni ***biex jindirizzaw il-ktajjen*** tas-sottokuntrattar	2. ***Ifakkar fl-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom xi inizjattivi tal-Istati*** Membri ***biex jistabbilixxu limitazzjonijiet fuq it-tul tal-ktajjen*** tas-sottokuntrattar; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara ***u toħroġ gwida dwar il-possibbiltajiet għall-adozzjoni ta'*** leġiżlazzjoni ***nazzjonali biex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw minn***

twal u kumplessi***, inkluż ir-rekwiżit ta' relazzjonijiet ta' impjieg dirett*** f'setturi b'riskju għoli***, fejn ikun fattibbli u ġġustifikat bl-evidenza***;	***ktajjen*** tas-sottokuntrattar twal u kumplessi ***u biex toħroġ bi proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex jiġi miġġieled l-isfruttament tal-ħaddiema, mhux l-anqas*** f'setturi b'riskju għoli;

Or. en

Emenda 118
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja li kwalunkwe miżura nazzjonali trid tirrispetta bis-sħiħ is-suq intern tal-UE, li huwa pilastru fundamentali tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tagħhom li tindirizza s-sottokuntrattar u r-relazzjonijiet ta' impjieg tkun kompatibbli mal-prinċipji tal-moviment liberu tas-servizzi u tal-ħaddiema kif ukoll il-libertà tal-istabbiliment, u ma toħloqx ostakli bla bżonn għall-attività tan-negozju transfruntiera li jfixklu l-innovazzjoni u l-kompetittività;

Or. en

Emenda 119
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda kontra r-reati, kemm jekk organizzati kif ukoll jekk le;

Or. en

Emenda 120
Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;	***imħassar***

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 121
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar,	***imħassar***

kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;

---

*[11] **Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.***

Or. en

Emenda 122
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;	***imħassar***

---

*[11] **Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.***

Or. en

Emenda 123
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3. ***Itenni t-talba tiegħu***[11] lill-Kummissjoni ***biex tikkunsidra*** direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita ***s-sottokuntrattar u jiżgura*** responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll ***tintroduċi*** miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;	3. ***Jirrikonoxxi li s-sottokuntrattar regolat sew huwa kruċjali biex jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta għall-SMEs u l-kapaċità li wieħed jiddependi fuq għarfien espert speċjalizzat; jirrikonoxxi, madankollu, li diversi saffi tas-sottokuntrattar jistgħu jnaqqsu r-responsabbiltà, iżidu r-riskji ta' ksur tal-liġi tax-xogħol, ipoġġu pressjoni fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tul il-katina tas-sottokuntrattar u jfixklu l-infurzar effettiv; jenfasizza li r-regoli tal-akkwist pubbliku għandhom jippromwovu impjiegi diretti; jistieden*** lill-Kummissjoni***, bil-għan li ttemm is-sottokuntrattar abbużiv u tipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema, kif ukoll biex iżżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tul il-katina tal-provvista, tipproponi*** direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita ***s-saffi tas-sottokuntrattar; jitlob ukoll l-introduzzjoni ta' reġim definit sew għal*** responsabbiltà ***in solidum tal-operaturi ekonomiċi u s-sottokuntratturi li jiżgura responsabiltà*** in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, ***inkluż il-forom legali kollha possibbli ta' esternalizzazzjoni,*** kif ukoll ***li jiġu introdotti*** miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju; ***jitlob ukoll, fil-każ tal-akkwist pubbliku, li tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tas-sottokuntratturi involuti u s-sehem tal-kuntratt li l-kuntrattur biħsiebu jissottokuntratta;***

[11] ***Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.***

Or. en

Emenda 124
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Itenni t-talba tiegħu[11]***lill-Kummissjoni ***biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom*** abbużivi ***ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;**	3. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***tippreżenta rakkomandazzjoni u "sett ta' għodod għall-infurzar" għal sottokuntrattar/intermedjazzjoni*** abbużivi***, bl-użu sħiħ tal-acquis attwali (96/71/KE, 2014/67/UE, 2011/36/UE), minflok leġiżlazzjoni orizzontali ġdida.***

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

Or. el

Emenda 125
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Marlena Maląg, Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11]lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ***direttiva qafas*** bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa ***u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju***;	3. Itenni t-talba[11] tiegħu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ***rakkomandazzjoni*** bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa;

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta’ Marzu 2025.

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta’ Marzu 2025.

Or. en

Emenda 126
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ***direttiva qafas*** bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma’ forom abbużivi ta’ sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa ***u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;***	3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ***rakkomandazzjoni*** bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma’ forom abbużivi ta’ sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa***.***

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta’ Marzu 2025.

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta’ Marzu 2025.

Or. en

Emenda 127
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma’ forom abbużivi ta’ sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol ***fl-Ewropa u biex*** din id-direttiva ***qafas tintroduċi qafas***	3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma’ forom abbużivi ta’ sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol ***fl-UE; jitlob li*** din id-direttiva ***tespandi r-responsabbiltà***

legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;	in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar***, tiżgura t-trasparenza fil-katina tas-sottokuntrattar permezz ta' reġistru obbligatorju u diġitali, tirrikjedi l-ħatra ta' koordinatur li jkollu ħarsa ġenerali tal-entitajiet differenti kollha f'katina ta' sottokuntrattar u tintroduċi qafas għal-limitazzjoni tas-sottokuntrattar f'setturi ta' riskju għoli***, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju***, sabiex jiġu miġġielda l-imġiba frawdolenti u l-kumpaniji fantażma***;
[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.	[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 128
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;	3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju ***fir-rigward tal-ktajjen tas-sottokuntrattar li jimpjegaw ċittadini ta' pajjiżi terzi***;
[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.	[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 129
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11]lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ***direttiva*** qafas ***bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas*** tintroduċi qafas legali ġenerali***,*** li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol***,*** minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;	3. itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra ***li d-direttiva*** qafas ***futura għandha*** tintroduċi qafas legali ġenerali li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar***, f'kundizzjonijiet kemm nazzjonali kif ukoll transfruntiera***, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-xogħol minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;
[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.	[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

Or. fr

Emenda 130
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Itenni t-talba tiegħu[11]lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-	3. Itenni t-talba tiegħu[11] lill-Kummissjoni biex tikkunsidra direttiva qafas bil-għan li tindirizza l-isfidi relatati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa u biex din id-direttiva qafas tintroduċi qafas legali ġenerali, li jillimita s-sottokuntrattar u jiżgura responsabbiltà in solidum tul il-katina ***kollha*** tas-sottokuntrattar, kif ukoll tintroduċi miżuri li jirregolaw ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-intermedjarji tax-

xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

xogħol, minbarra l-aġenziji tax-xogħol temporanju;

[11] Ir-riżoluzzjoni tat-13 ta' Marzu 2025.

Or. en

Emenda 131
Pascal Arimont, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrimarka li l-prinċipju ta' kaskata tar-responsabbiltà fil-ktajjen tas-sottokuntratturi jista' jkun mod kif jiġi żgurat li l-kuntrattur ewlieni jerfa' r-responsabbiltà ġenerali għas-servizzi pprovduti fi ħdan il-katina kollha tas-sottokuntratturi; iqis li tali prinċipju jista' jiżgura li l-kwalità, il-prestazzjoni u l-konformità mal-istandards tax-xogħol, soċjali u tas-sikurezza jiġu ggarantiti kuntrattwalment f'kull livell tal-katina tas-sottokuntrattar.

Or. en

Emenda 132
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Itenni l-pożizzjoni tiegħu[1b] li r-regoli tal-akkwist pubbliku għandhom jippromwovu impjiegi diretti u t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tillimita s-saffi tas-sottokuntrattar kif ukoll biex tqis

l-introduzzjoni ta' reġim definit sew għar-responsabbiltà in solidum u biex tiġi żgurata t-trasparenza rigward is-sottokuntratturi involuti u s-sehem tal-kuntratt li l-kuntrattur biħsiebu jissottokuntratta;

1b

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/EMPL-AD-770193_EN.pdf

Or. en

Emenda 133
Benedetta Scuderi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi rikonoxxut ir-rwol ewlieni li għandhom il-Prattiki Kummerċjali Inġusti (UTPs) fl-ixprunar tas-sottokuntrattar illegali u l-ksur assoċjat tad-drittijiet tal-ħaddiema b'mod partikolari fis-settur agroalimentari; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif tiġġieled dawn il-prattiki (kummerċjali inġusti), inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni fil-katina tal-provvista alimentari u agrikola;

Or. en

Emenda 134
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq li l-maġġoranza tal-

attivitajiet koperti mill-kuntratt iridu jitwettqu mill-kuntrattur bl-impjegati diretti tiegħu stess, u li fl-istadju tal-offerti l-partijiet sottokuntrattabbli u l-kumpaniji li l-offerent biħsiebu jissottokuntratta għandhom jiġu speċifikati b'mod ċar;

Or. en

Emenda 135
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi settorjali biex tindirizza l-isfruttament tal-ħaddiema u x-xogħol illegali f'setturi ta' riskju għoli abbażi tal-identifikazzjoni tas-setturi b'riskju għoli li għandhom jiġu ddeterminati flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 136
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mal-aġenda ta' simplifikazzjoni tagħha, tnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji, speċjalment f'setturi mhux ta' riskju;

Or. en

Emenda 137
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Ifakkar li l-limitazzjonijiet għas-sottokuntrattar iridu jkunu bbilanċjati fir-rigward tal-interventi li joħolqu u d-dritt ta' intrapriża; jinsab imħasseb li l-limitazzjoni tas-sottokuntrattar għal ċertu livell ta' livelli hija intervent drastiku għal dan id-dritt u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta biss il-possibbiltà ta' tali limitazzjonijiet biss jekk ma jkun hemm l-ebda miżura oħra disponibbli[1a];
	1a https://www.fiec.eu/application/files/2617/5688/9845/Can_the_EU_restrict_subcontracting_A_legal_perspective_September_2025.pdf

Or. en

Emenda 138
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Ifakkar li l-QĠUE, filwaqt li qieset il-prinċipji ġenerali tat-TFUE, sostniet li l-limitazzjoni tal-katina tas-sottokuntrattar minn gvern ta' Stat Membru kienet ostaklu illeġittimu għall-moviment liberu[2a];
	2a https://www.fiec.eu/application/files/2617/5688/9845/Can_the_EU_restrict_subcontracting_A_legal_perspective_September_2

Or. en

Emenda 139
Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex ***jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar*** spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;***	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex ***jiġi miġġieled is-sottokuntrattar*** spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs;***

Or. en

Emenda 140
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Marlena Maląg, Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-***	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs***; jisħaq li l-

Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli ***u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà*** tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli ***għandha tkun ir-responsabbiltà*** tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 141
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema***; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli ***u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà*** tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs***; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli ***għandha tkun ir-responsabbiltà*** tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 142
Branislav Ondruš

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema***; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi l-esklużjoni obbligatorja tal-operaturi ekonomiċi misjuba ħatja ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u mar-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali mill-kuntratti pubbliċi fir-reviżjoni li jmiss tagħha tal-qafas tal-akkwist pubbliku***; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 143
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq ***proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita***	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq ***proposta għal mekkaniżmu li jiskatta limiti fuq is-***

s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

sottokuntrattar għal setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli***, il-kundizzjonijiet għall-iskattar,*** u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li tali deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq data preċiża u aġġornata, inkluż dwar il-każijiet transfruntiera; jenfasizza r-rwol tal-attivitajiet tal-ELA fl-għoti ta' informazzjoni affidabbli dwar l-imġiba abbużiva u x-xejriet ġenerali;***

Or. en

Emenda 144
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar*** għal massimu ta' żewġ livelli ***taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi*** b'riskju għoli ***ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li*** l-identifikazzjoni ***ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat,*** għandhom ***ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali***;	4. jistieden lill-Kummissjoni ***tappoġġja lill-Istati Membri biex jillimitaw is-sottokuntrattar*** għal massimu ta' żewġ livelli ***fis-setturi*** b'riskju għoli***, bil-possibbiltà ta' derogi debitament ġustifikati miftiehma mis-sħab soċjali; jitlob, barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' responsabbiltà in solidum tul il-katina kollha tas-sottokuntrattar u obbligi ta' diliġenza dovuta fuq is-sottokuntratturi u l-ktajjen tagħhom, inkluż*** l-identifikazzjoni ***u l-verifika tal-kontropartijiet, it-traċċabbiltà tal-kuntratti u l-valutazzjoni perjodika tal-konformità; ir-rekwiżiti ta' hawn fuq*** għandhom ***jiġu applikati b'mod proporzjonat u b'simplifikazzjonijiet għall-SMEs***;

Or. el

Emenda 145
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema***; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli ***u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà*** tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs; jisħaq li dawn il-ftehimiet għandhom jiġu rispettati***; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli ***dejjem għandha tkun ir-responsabbiltà*** tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 146
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal ***massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli*** ta' sfruttament tal-	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti***, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali u tipproteġi lill-SMEs nazzjonali,*** għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal ***kuntratturi***

ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;	***b'fatturat 'il fuq minn limitu definit u b'każijiet preċedenti fejn ikunu nstabu ħatja*** ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 147
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema***; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' ***devjazzjoni mir-regola ġenerali***, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs, għad-detriment ta' xi industriji bi proċeduri u prodotti kumplessi u iperspeċjalizzati***; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' ***regoli speċjalizzati***, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 148
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq ***proposti*** għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ ***livelli*** taħt il-kuntrattur prinċipali ***għas-setturi*** b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ***ikunu r-responsabbiltà tal-Istati*** Membri ***f'kooperazzjoni mas-sħab*** soċjali;	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq ***proposta leġiżlattiva*** għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ ***sottolivelli*** taħt il-kuntrattur prinċipali***, u b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tas-setturi*** b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ***jiġu miftiehma mill-Istati*** Membri ***u mis-sħab*** soċjali;

Or. en

Emenda 149
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali***, fejn debitament ġustifikat,*** għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

f’kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. fr

Emenda 150
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta’ sottokuntrattar spiss inbdew b’mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta’ regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta’ ***żewġ livelli*** taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b’riskju għoli ta’ sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta’ setturi nazzjonali b’riskju għoli u l-istabbiliment ta’ proċess ta’ devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f’kooperazzjoni mas-sħab soċjali;	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta’ sottokuntrattar spiss inbdew b’mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti*** tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta’ regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta’ ***livell wieħed*** taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b’riskju għoli ta’ sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta’ setturi nazzjonali b’riskju għoli u l-istabbiliment ta’ proċess ta’ devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f’kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 151
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex ***jillimitaw il-livelli ta’ sottokuntrattar*** spiss inbdew b’mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs***; jistieden lill-Kummissjoni ***tressaq proposti għall-***	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex ***tiġi miġġielda l-kriminalità fuq il-post tax-xogħol*** spiss inbdew b’mod konġunt mis-sħab soċjali, ***inklużi r-rappreżentanti tal-SMEs; jisħaq li dawn il-ftehimiet għandhom jiġu rispettati***;

istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni ***mir-regola*** ġenerali, ***fejn*** debitament ġustifikat, għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

jistieden lill-Kummissjoni ***tistabbilixxi koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiġġieled il-kriminalità fuq il-post tax-xogħol u*** jisħaq li l-identifikazzjoni ta' setturi nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni ***mir-regoli*** ġenerali, ***meta dan ikun*** debitament ġustifikat, għandhom ***dejjem*** ikunu r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 152
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali ***għas-setturi b'riskju għoli ta' sfruttament tal-ħaddiema; jisħaq li l-identifikazzjoni*** ta' setturi ***nazzjonali b'riskju għoli u l-istabbiliment ta' proċess ta' devjazzjoni mir-regola ġenerali, fejn debitament ġustifikat, għandhom*** ikunu ***r-responsabbiltà tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali***;	4. Jenfasizza li l-politiki nazzjonali u reġjonali biex jillimitaw il-livelli ta' sottokuntrattar spiss inbdew b'mod konġunt mis-sħab soċjali, inkluż ir-rappreżentanti tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għall-istabbiliment ta' regola ġenerali li tillimita s-sottokuntrattar għal massimu ta' żewġ livelli taħt il-kuntrattur prinċipali***; jitlob li s-sottokuntrattar ikun limitat għal livell partikolari fir-rigward*** ta' setturi ***partikolarment perikolużi u meta s-sejbiet ta' ksur tar-regolamentazzjoni tax-xogħol*** ikunu ***evidenti***;

Or. fr

Emenda 153
Leila Chaibi, Anthony Smith, Marina Mesure

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi emendi għad-Direttiva 2014/24/UE u għad-Direttiva 2014/25/UE (u, meta jkun xieraq, għad-Direttiva 2014/23/UE) biex tawtorizza b'mod espliċitu lill-awtoritajiet kontraenti jillimitaw it-tul u l-għadd ta' livelli ta' ktajjen ta' sottokuntrattar, jillimitaw il-proporzjon tal-kuntratt li jista' jiġi sottokuntrattat u jistabbilixxu r-responsabbiltà totali tal-awtorità kontraenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' inċidenti okkupazzjonali, mard okkupazzjonali, u sejbiet ripetuti ta' ksur tar-regolamenti tax-xogħol tul il-katina tas-sottokuntrattar;

Or. fr

Emenda 154
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jilqa' l-fatt li diversi Stati Membri ddeċidew li jadottaw regoli ta' responsabbiltà aktar stretti fil-ktajjen tas-sottokuntrattar mill-minimu stabbilit fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/67/UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura r-responsabbiltà in solidum tul il-katina kollha tas-sottokuntrattar fis-setturi b'riskju, inkluż għall-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, kif ukoll l-aċċess għall-ġustizzja għall-ħaddiema kkonċernati;

Or. en

Emenda 155
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob qafas minimu tal-UE għal-liċenzjar/ir-reġistrazzjoni tal-intermedjarji tax-xogħol b'reġistru pubbliku, projbizzjoni tal-imposti fuq il-ħaddiema (f'konformità mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO) u penali dissważivi, inkluża l-esklużjoni mill-kuntratti pubbliċi;

Or. el

Emenda 156
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Pascal Arimont, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-użu effettiv tal-IMI mill-Istati Membri fir-rigward tad-Direttiva 2014/67/UE (direttiva dwar l-infurzar) b'mod partikolari fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' kontroll dwar l-istazzjonar ġenwin;

Or. en

Emenda 157
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jitlob li tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tas-sottokuntratturi involuti fl-akkwist pubbliku u s-sehem tal-kuntratt li l-kuntrattur biħsiebu jissottokuntratta, b'divulgazzjoni qabel l-eżekuzzjoni tal-kuntratt u aġġornamenti matul l-eżekuzzjoni;

Or. en

Emenda 158
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jinnota s-sejħiet mill-mikrointrapriżi u mill-SMEs, b'mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni, biex jiġi indirizzat is-"sottokuntrattar finanzjarju" meta l-kuntrattur ewlieni jissottokuntratta x-xogħol kollu; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku, regoli aktar stretti li jiżguraw li l-kuntratturi ewlenin ikollhom il-kapaċità li jwettqu parti mill-kuntratt huma stess, inklużi limiti fuq il-valur jew it-tip ta' xogħol li jista' jiġi sottokuntrattat;

Or. en

Emenda 159
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 160
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, ***lill-Kummissjoni*** tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u ***tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji***;	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi***, nuqqas ta' konformità mal-liġi tax-xogħol*** u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden ***lill-Kummissjoni***, f'dan ir-rigward, tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u ***tipprojbixxi l-użu tas-sottokuntrattar mill-kuntrattur ewlieni għall-attivitajiet marbuta mal-attività ewlenija***; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ħidma biex jiġu definiti l-attivitajiet ewlenin tas-setturi titwettaq mill-kumitati ta' djalogu soċjali settorjali;***

Or. fr

Emenda 161
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji***, u tistipula li 30 % tal-kompiti ewlenin iridu jitwettqu mill-kuntrattur ewlieni, u dan huwa konformi wkoll mad-deċiżjonijiet tal-QĠUE (ara VitaliSpA vs Autostrade per l'Italia SpA, C-63/18)***;

Or. en

Emenda 162
Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; ***jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;***	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 163

Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin ***jista' jwassal għal*** postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin ***iwassal għall-isfruttament tal-ħaddiema permezz ta' kundizzjonijiet prekarji u xogħol mhux iddikjarat,*** postijiet tax-xogħol frammentati u ***mhux sikuri,*** esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi***, u responsabbiltà u trasparenza mnaqqsa***; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;

Or. en

Emenda 164
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar ***għal attivitajiet kummerċjali ewlenin*** jista' jwassal għal ***postijiet tax-xogħol frammentati u*** esponiment akbar tal-ħaddiema ***għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u*** nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden***, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji***;	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar ***u l-ispeċjalizzazzjoni*** jista' jwassal għal ***SMEs prosperuży u suq dinamiku u innovattiv għall-forniturі, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li f'setturi b'riskju għoli dan l-iżvilupp jista' jinvolvi*** esponiment akbar tal-ħaddiema nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden ***lill-entitajiet u lill-awtoritajiet responsabbli jkomplu jaħdmu biex jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ambjenti sikuri għall-ħaddiema kollha***;

Or. en

Emenda 165
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Marlena Maląg, Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; ***jistieden***, f'dan ir-rigward, ***lill-Kummissjoni tiżgura*** trattament ugwali għal xogħol ugwali ***u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji***;	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; ***ifakkar***, f'dan ir-rigward, ***fil-prinċipju ta'*** trattament ugwali għal xogħol ugwali;

Or. en

Emenda 166
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali ***u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;***	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali**.**

Or. en

Emenda 167
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, ***lill-Kummissjoni tiżgura*** trattament ugwali għal xogħol ugwali u ***tippromwovi*** impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;	5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi; jistieden, f'dan ir-rigward, ***lill-Istati Membri jiżguraw*** trattament ugwali għal xogħol ugwali u ***jippromwovu*** impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji;

Or. en

Emenda 168
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li ***l-użu dejjem akbar tas-sottokuntrattar għal attivitajiet kummerċjali ewlenin jista' jwassal*** għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi***; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali għal xogħol ugwali u tippromwovi impjiegi diretti f'setturi fejn iseħħu tali riskji***;	5. Jinnota li ***l-kriminalità fuq il-post tax-xogħol tista' twassal*** għal postijiet tax-xogħol frammentati u esponiment akbar tal-ħaddiema għal sigħat itwal, pagi aktar baxxi u nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi***, filwaqt li s-sottokuntrattar jippermetti l-ispeċjalizzazzjoni, l-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi u, għalhekk, negozji aktar effiċjenti u kompetittivi, inkluż il-ħolqien ta' aktar SMEs***;

Or. en

Emenda 169
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-rappreżentanti tal-impjegati jiġu infurmati u kkonsultati meta kumpanija jkollha l-ħsieb li tuża s-sottokuntrattar; jistieden lill-Kummissjoni tinforza l-prinċipju tad-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni f'konformità mal-individwi impjegati tul il-katina ta' sottokuntrattar għal aspetti essenzjali tax-xogħol tagħhom;

Or. fr

Emenda 170
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq li huwa biss billi jiġu indirizzati n-networks kriminali permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera li l-isfruttament tal-ħaddiema jista' jitnaqqas b'mod effettiv; jappoġġja kollaborazzjoni msaħħa bejn l-Europol, l-awtoritajiet nazzjonali, u s-sħab soċjali biex tiġi mmirata l-kriminalità organizzata aktar milli l-prattiki ta' sottokuntrattar ordinarji;

Or. en

Emenda 171
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jinnota li t-tul u l-kumplessità tal-ktajjen tas-sottokuntrattar joħolqu sfida sinifikanti għall-ispettorati tax-xogħol biex jistabbilixxu r-responsabbiltà legali f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-liġijiet tax-xogħol tal-UE u dawk nazzjonali;

Or. en

Emenda 172
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jirrimarka li d-definizzjoni ta' "impjegatur" f'sitwazzjoni li tinvolvi katina ta' sottokuntrattar hija pprovduta fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Lulju 2020, fil-kawża AFMB Ltd e.a. vs Raad van bestuur van de Sociale verzekeringsbank, li ddikjarat li l-impjegatur huwa l-kumpanija li teżerċita awtorità effettiva fuq il-ħaddiem, li ġġorr il-piż tal-pagi korrispondenti, u li jkollha s-setgħa effettiva li tkeċċihom, aktar milli l-kumpanija li magħha dak il-ħaddiem ikun ikkonkluda kuntratt ta' impjieg u li hija ppreżentata formalment f'dak il-kuntratt bħala l-impjegatur ta' dak il-ħaddiem; jistieden lill-Kummissjoni tapplika din id-definizzjoni fid-direttiva futura;

Or. fr

Emenda 173
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li f'setturi b'riskju għoli bħall-kostruzzjoni, l-agrikoltura u t-trasport, il-promozzjoni tal-impjieg diretti tkun akkumpanjata b'rekwiżiti ċari ta' metodi ta' produzzjoni sostenibbli u prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-klima, inklużi l-użu ta' materjali effiċjenti fl-enerġija, it-tnaqqis fl-emissjonijiet, u l-ġestjoni responsabbli tal-iskart;

Or. en

Emenda 174
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jisħaq li n-nisa u l-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli huma rrappreżentati b'mod sproporzjonat fix-xogħol sottokuntrattat u intermedjarju, b'mod partikolari fis-setturi tal-kura, tat-tindif u tal-ospitalità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu dispożizzjonijiet sensittivi għall-ġeneru fi kwalunkwe qafas ġdid;

Or. en

Emenda 175
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar ***in-nuqqas*** ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***stazzjonar*** ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***tirrieżamina*** l-isfidi tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni ***leġiżlattivi*** identifikati;	6. Jinsab imħasseb dwar ***l-abbuż u n-nuqqas*** ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***l-istazzjonar*** ġenwin u ***dak*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***, peress li r-regoli tal-UE dwar il-forniment ta' servizzi qed jintużaw dejjem aktar biex jiġu evitati r-regoli nazzjonali dwar ix-xogħol u l-migrazzjoni fl-Istati Membri li jirċievu ħaddiema stazzjonati***; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***teżamina*** l-isfidi tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni identifikati ***fil-kooperazzjoni u fl-infurzar transfruntiera sabiex tiżgura t-trattament ugwali tal-ħaddiema stazzjonati li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terżi u tevita l-stazzjonamenti illegali mingħajr ebda konnessjoni ġenwina mal-Istat Membru li qed jibgħat***; ***jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-abbużi transfruntiera tad-Direttiva dwar Xogħol Temporanju permezz ta' Aġenzija (2008/104) b'mod partikolari fil-kuntest tal-istazzjonar;***

Or. en

Emenda 176
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn stazzjonar ***ġenwin u*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***tirrieżamina*** l-isfidi ***tal-infurzar*** u tieħu ***l-inizjattiva*** xierqa ***biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati***;	6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***sitwazzjonijiet ta'*** stazzjonar ***ġenwini u dawk*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li jirriżulta minn infurzar u trasparenza inadegwati***; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***teżamina*** l-isfidi ***relatati*** u tieħu ***l-miżuri*** xierqa***, bħat-tishiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol fil-ġlieda kontra l-***

organizzazzjonijiet kriminali li jisfruttaw ir-regoli dwar l-istazzjonar;

Or. en

Emenda 177
Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***stazzjonar*** ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***tirrieżamina*** l-isfidi tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati;	6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***l-istazzjonar*** ġenwin u ***dak*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***teżamina*** l-isfidi tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati***, billi, fost affarijiet oħra, teskludi l-cleanwashing f'każ ta' aktar minn żewġ każijiet ta' ksur tal-liġi soċjali u tax-xogħol, u tissupplimenta dan b'perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin***;

Or. en

Emenda 178
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***stazzjonar*** ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***tirrieżamina*** l-isfidi tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati;	6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***l-istazzjonar*** ġenwin u ***dak*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***; jisħaq li l-istazzjonar frawdolenti jdgħajjef in-nisġa soċjali tas-Suq Uniku u jisfrutta s-sitwazzjonijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli***; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***teżamina*** l-isfidi

tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati;

Or. en

Emenda 179
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***stazzjonar*** ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***tirrieżamina*** l-isfidi tal-infurzar u ***tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni*** leġiżlattivi identifikati;	6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***l-istazzjonar*** ġenwin u ***dak*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***teżamina*** l-isfidi tal-infurzar u ***tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha lill-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-inizjattivi meħtieġa biex jagħlqu l-lakuni*** leġiżlattivi identifikati ***fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva tagħhom***;

Or. fr

Emenda 180
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar ***in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn stazzjonar*** ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; ***jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, tirrieżamina l-isfidi tal-infurzar u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati***;	6. Jinsab imħasseb dwar ***id-differenzjazzjoni bejn l-istazzjonar*** ġenwin u ***dak*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; ***jisħaq li s-soluzzjonijiet rigward tali differenzjazzjoni jridu jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali dwar il-migrazzjoni***;

Or. en

Emenda 181
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***stazzjonar*** ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***tirrieżamina*** l-isfidi tal-infurzar ***u tieħu l-inizjattiva xierqa biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati***;	6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***l-istazzjonar*** ġenwin u ***dak*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***teżamina*** l-isfidi tal-infurzar***, filwaqt li tirrispetta wkoll il-konklużjoni ġenerali tar-rapport Letta biex tissaħħaħ il-kompetittività tas-Suq Uniku***;

Or. en

Emenda 182
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Marlena Maląg, Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***stazzjonar*** ġenwin u frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***tirrieżamina*** l-isfidi tal-infurzar u tieħu ***l-inizjattiva*** xierqa ***biex tagħlaq il-lakuni leġiżlattivi identifikati***;	6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza legali fir-rigward tad-differenzjazzjoni bejn ***l-stazzjonar*** ġenwin u ***dak*** frawdolenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***, li jirriżulta minn infurzar inadegwat u nuqqas ta' trasparenza***; jistieden lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rapport Letta, ***teżamina*** l-isfidi tal-infurzar u tieħu ***l-miżuri*** xierqa;

Or. en

Emenda 183

Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza li f'każ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni lil ħaddiem minn impjegatur, inkluż sottokuntrattur, jew minn intermedjarju tas-suq tax-xogħol jew kwalunkwe persuna oħra, il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni jridu jikkonformaw mal-istandards ta' kwalità attwali u mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u proporzjonalità, b'mod partikolari fir-rigward tal-kostijiet għall-ħaddiem; jisħaq, barra minn hekk, li d-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw l-akkomodazzjoni tal-ħaddiema jridu jkunu legalment distinti mill-kuntratt ta' impjieg sabiex tiġi limitata d-dipendenza u jiġi żgurat li t-terminazzjoni ta' kuntratt wieħed ma twassalx immedjatament għat-terminazzjoni tal-kuntratt l-ieħor;

Or. fr

Emenda 184
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li hemm leġiżlazzjoni speċifika li tirregola s-sottokuntrattar fl-avjazzjoni ċivili, inklużi l-kiri ta' inġenji tal-ajru, l-ekwipaġġ, il-manutenzjoni u l-assigurazzjoni, magħrufa wkoll bħala "kiri bl-ekwipaġġ"; jinnota li l-użu tal-kiri bl-ekwipaġġ żdied, anke barra mill-użu maħsub tiegħu biex timtela l-kapaċità matul il-quċċati; jistieden lill-

Kummissjoni tindirizza l-problemi relatati mal-kiri bl-ekwipaġġ fir-reviżjoni li jmiss tar-Regolament dwar is-Servizzi tal-Ajru (1008/2008);

Or. en

Emenda 185
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Pascal Arimont, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jissottolinja li diġà jeżistu mekkaniżmi b'saħħithom ta' regolamentazzjoni u infurzar fil-qasam tal-istazzjonar, u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu involuti biex jiżguraw implimentazzjoni u infurzar effiċjenti;

Or. en

Emenda 186
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sottokuntratturi u l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jirrispettaw u jiggarantixxu d-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 187

Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;	7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali; ***jisħaq li l-approvazzjoni għandha tkun soġġetta għal kriterji minimi ta' integrità, inkluż li l-intermedjarju jew id-diretturi tiegħu ma jkunux ġew ikkundannati għal ksur serju jew ripetut tal-istandards tax-xogħol jew għal reati kriminali relatati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi; jitlob, barra minn hekk, aċċess transfruntier għar-reġistri nazzjonali ta' intermedjarji tax-xogħol approvati u kriterji minimi ta' integrità għall-approvazzjoni;***

Or. en

Emenda 188
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol ***li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li***	7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar***, inkluż billi jiġu definiti kategoriji differenti***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura***, fid-direttiva futura,*** li l-intermedjarji tax-xogħol ***ikunu definiti***

tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;	***jew bħala aġenziji privati tal-impjieg, aġenziji tax-xogħol temporanju, jew sottokuntratturi u għalhekk ikunu meħtieġa jikkonformaw mar-regolamenti rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni*** Nru 181 tal-ILO***, u tipprojbixxi, f'konformità ma' dik il-konvenzjoni***, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, ***irrispettivament mill-kategorija tagħhom,*** direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;
	Or. fr

Emenda 189
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;	7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar ***biex jissaħħu l-obbligu ta' rendikont, l-obbligi ta' trasparenza, u l-konformità mal-istandards ta' kwalità u mar-rekwiżiti minimi tagħhom f'konformità mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjieg***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;
	Or. en

Emenda 190
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi*** ta' reġistrazzjoni u liċenzjar ***filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali***;	7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar***, inklużi l-iskemi*** ta' reġistrazzjoni u liċenzjar ***kif ukoll it-tariffi jew il-kostijiet imġarrba mill-ħaddiema***;

Or. en

Emenda 191
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Jörgen Warborn, Arba Kokalari, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol jiġu rregolati aħjar;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura li l-intermedjarji*** tax-xogħol li joperaw fl-UE ***jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u*** liċenzjar ***filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali***;	7. Jistieden lill-Kummissjoni ***teżamina jekk hemmx prattiki jew leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-funzjonament tal-intermedjarji*** tax-xogħol li joperaw fl-UE ***u l-effetti ta' tali prattiki fir-rigward tal-iskemi ta'*** liċenzjar;

Or. en

Emenda 192
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol ***jiġu rregolati aħjar***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;	7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ***jittejjeb il-qafas legali li fih joperaw*** l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-intermedjarji tax-xogħol li joperaw fl-UE jkunu koperti minn skemi ta' reġistrazzjoni u liċenzjar filwaqt li tipprojbixxi, bi qbil mal-Konvenzjoni Nru 181 tal-ILO, kwalunkwe tariffa jew kost għall-ħaddiema mitluba mill-intermedjarji tax-xogħol, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjali;

Or. en

Emenda 193
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-ħaddiema sottokuntrattati u stazzjonati jiffaċċjaw riskji sproporzjonati tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali minħabba ktajjen ta' responsabbiltà frammentati u koordinazzjoni mhux ċara, speċjalment fis-settur tal-kostruzzjoni; ifakkar fil-Konvenzjoni tal-ILO dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fil-Kostruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ gwida mingħajr dewmien u tniedi proċedimenti ta' ksur meta l-obbligi ma jiġux issodisfati; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tivvaluta jekk id-Direttiva 92/57/KEE tkoprix b'mod adegwat il-koordinazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fil-katina kollha fis-sottokuntrattar b'diversi livelli u tipproponi soluzzjonijiet immirati jekk dan ma jkunx il-każ;

Or. en

Emenda 194
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ħaddiema jirċievu informazzjoni adegwata dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u li jissaħħaħ ir-rwol tas-sħab soċjali fl-iżvilupp ta' għodod u taħriġ biex jintlaħqu dawn il-ħaddiema;

Or. en

Emenda 195
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi l-ħolqien ta' reġistri nazzjonali li fihom l-intermedjarji tas-suq tax-xogħol kollha jiġu rreġistrati fi tliet kategoriji distinti definiti;

Or. fr

Emenda 196
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru pubbliku interoperabbli tal-intermedjarji awtorizzati kif ukoll l-esklużjoni

	obbligatorja tat-trasgressuri minn kuntratti/sussidji pubbliċi, bil-konfiska tal-profitti illeċiti.

Or. el

Emenda 197
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-data individwali u kollettiva tal-persuni impjegati permezz ta' katina ta' sottokuntrattar u permezz ta' intermedjarju tas-suq tax-xogħol tkun protetta, inkluż matul il-kontrolli tal-identifikazzjoni permezz tal-ispezzjonijiet tax-xogħol;

Or. fr

Emenda 198
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12] lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;	***imħassar***

[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. fr

Emenda 199
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12] lill-Kummissjoni biex issaħħaħ ***il-mandat tal-ELA***;	8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***biex jiġi miġġieled*** l-isfruttament tal-ħaddiema ***li jinvolvi kuntest transfruntier***; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12] lill-Kummissjoni biex issaħħaħ ***b'mod sostanzjali l-mandat tal-ELA billi tippermettilha tinvestiga l-allegazzjonijiet ta' ksur jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE u tniedi u twettaq inkjesti u spezzjonijiet fir-rigward ta' każijiet transfruntiera fuq inizjattiva proprja, kif ukoll billi tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Aġenzija biex tkopri l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***;
[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.	[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. en

Emenda 200
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu***[12]*** lill-	8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***biex jiġi miġġieled*** l-isfruttament ***tal-ħaddiema; jisħaq ukoll li s-sistemi ta' spezzjoni tax-xogħol għandhom ikunu mgħammra biex jivverifikaw il-***

Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;	***konformità mhux biss mal-istandards soċjali u tal-impjieg iżda wkoll mal-istandards ambjentali u tas-saħħa okkupazzjonali, minħabba l-impatt interkonness tagħhom fuq il-benesseri*** tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;

[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. en

Emenda 201
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu***[12]***lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;	8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***biex jiġi miġġieled*** l-isfruttament tal-ħaddiema ***u tiġi promossa l-kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku***; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA; ***jistieden ukoll lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mandat tal-Europol f'dan ir-rigward;***

[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. en

Emenda 202
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12]lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;	8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***biex jiġi miġġieled*** l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12] lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA ***u tipprovdi lill-ELA b'riżorsi suffiċjenti biex twettaq il-kompiti tagħha, b'mod partikolari l-ispezzjonijiet fuq il-post biex tidentifika ksur tal-liġi tax-xogħol***;
[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.	[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. en

Emenda 203
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti ***u b'riżorsi tajbin*** għall-infurzar u l-kontroll ***għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema; ***jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12]***lill-Kummissjoni biex ***issaħħaħ*** il-mandat tal-ELA;	8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti għall-infurzar u l-kontroll ***biex jiġi miġġieled*** l-isfruttament tal-ħaddiema; ***jistieden*** lill-Kummissjoni biex ***ma ssaħħaħx*** il-mandat tal-ELA;
[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.	

Or. en

Emenda 204
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Marlena Maląg, Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12]lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;	8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***biex jiġi miġġieled*** l-isfruttament tal-ħaddiema ***u tiġi promossa l-kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku***; jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12] lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;
[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.	[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. en

Emenda 205
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***għall-ġlieda kontra*** l-isfruttament tal-ħaddiema; ***jilqa' r-rapport*** ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu[12]***lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;***	8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll ***biex jiġi miġġieled*** l-isfruttament tal-ħaddiema; ***għaldaqstant jisħaq fuq il-ħtieġa ta' użu aħjar tar-riżorsi fl-ELA f'konformità mar-rapport*** ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ELA u jtenni t-talba tiegħu***;***[12]
[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.	[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. en

Emenda 206
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sistemi effiċjenti u b'riżorsi tajbin għall-infurzar u l-kontroll għall-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema***; ***jilqa' r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar*** l-ELA ***u jtenni t-talba tiegħu[12]lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-mandat tal-ELA;***	8. ***Jissottolinja li l-infurzar effettiv jirrikjedi spezzjonijiet nazzjonali b'persunal suffiċjenti u koordinazzjoni tal-kontrolli transfruntiera***; l-ELA ***għandha tiffoka fuq il-koordinazzjoni/l-appoġġ u l-iskambju ta' informazzjoni, mingħajr setgħat eżekuttivi ġodda, b'kooperazzjoni msaħħa mal-Europol/Eurojust.***

[12] Ir-riżoluzzjoni tat-18 ta' Jannar 2024.

Or. el

Emenda 207
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza li l-UE adottat għadd ta' atti legali li għandhom l-għan li jiġġieldu l-isfruttament tal-ħaddiema u x-xogħol illegali li l-applikazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali jeħtieġ li tittejjeb; jistieden lill-Kummissjoni tieħu rendikont l-applikazzjoni tar-regoli attwali, mhux l-inqas fis-setturi b'riskju għoli u tieħu miżuri konkreti biex issaħħaħ is-setgħa ta' infurzar tagħha lejn l-Istati Membri li qed jonqsu milli jindirizzaw il-kwistjoni;

Or. en

Emenda 208
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jinfurzaw aħjar l-Artikoli 9 u 12 tad-Direttiva 2014/67/UE dwar l-Infurzar, li tat lill-Istati Membri l-possibbiltà li jikkontrollaw u jinfurzaw ir-regoli għall-ħaddiema stazzjonati permezz tas-sistema nazzjonali ta' notifika, filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonali biex ikollhom sistema ta' obbligu ta' rendikont tas-sottokuntratturi diretti;

Or. en

Emenda 209
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifaħħar il-ħidma tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u jitlob li r-rwol tagħha u l-kapaċità operattiva tagħha ta' analiżi tar-riskju jissaħħu sabiex tkun tista' taġixxi bħala osservatorju tal-UE dwar id-dumping soċjali u l-kriminalità marbuta max-xogħol; jitlob li jiġu stabbiliti unitajiet ta' infurzar speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari għas-settur tal-kostruzzjoni, biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni mas-sħab soċjali settorjali madwar l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 210
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li l-livell ta' informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-ktajjen tas-sottokuntrattar ivarja madwar l-Ewropa u li dan jirrappreżenta sfida kemm għall-infurzar kif ukoll għat-tfassil tal-politika; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-ġbir tad-data dwar is-sottokuntrattar;

Or. en

Emenda 211
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar allinjament u simplifikazzjoni tar-regolamenti dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-proċeduri ta' kontroll, inklużi standards uniformi ta' kontroll, spezzjonijiet konġunti u skambju ta' informazzjoni, taħt il-gwida tal-ELA;

Or. en

Emenda 212
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Ifakkar li l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar is-Sanzjonijiet jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu spezzjonijiet effettivi u adegwati fit-territorju tagħhom biex jikkontrollaw l-

impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri jinfurzaw aħjar ir-regolamentazzjoni eżistenti;

Or. en

Emenda 213
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jitlob li tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali tal-ELA rigward l-analiżi tar-riskju u li jiġu stabbiliti unitajiet ta' infurzar speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari għall-kostruzzjoni, ħalli jkun hemm approfondiment tal-kooperazzjoni mas-sħab soċjali settorjali u l-ispezzjonijiet konġunti;

Or. en

Emenda 214
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat is-sottokuntrattar abbużiv li juża arranġamenti artifiċjali bħall-kumpaniji fantażma u x-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija fittizju;

Or. en

Emenda 215
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għas-setturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;	***imħassar***

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

Or. fr

Emenda 216
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva	***imħassar***

2006/22/KE[13]diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għas-setturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;

---

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

Or. en

Emenda 217
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13]diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq ***u*** jistieden lill-Kummissjoni ***tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi*** li l-Istati Membri ***jiżguraw*** kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għas-setturi kollha ***ta' riskju*** għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;	9. ***Jisħaq fuq ir-rwol vitali tal-ispezzjonijiet tax-xogħol kemm fid-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-isfruttament tal-ħaddiema kif ukoll fir-rigward tal-konformità ġenerali mal-liġijiet tax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-għadd ta' spetturi tax-xogħol u l-appoġġ tagħhom għall-ispettorati tax-xogħol;*** ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq***;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tinkludi fid-direttiva tagħha miżuri li***

jistgħu jiżguraw li l-Istati Membri ***jkollhom*** kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għas-setturi kollha ***b'riskju*** għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

Or. en

Emenda 218
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq ***u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni*** tax-xogħol ***għas-setturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem***;	9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq***, inklużi l-ispezzjonijiet*** tax-xogħol ***mill-Istati Membri***;

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-

implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).	implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).
	Or. en

Emenda 219
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi ***li l-Istati*** Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għas-setturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;	9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi ***lill-Istati*** Membri ***jtejbu l-kwalità u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet tax-xogħol u*** jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għas-setturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;
[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).	[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).
	Or. en

Emenda 220
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13]diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi ***li l-Istati*** Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol ***għas-setturi kollha ta' riskju għoli***, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;	9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi ***lill-Istati*** Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol, bi qbil mal-punt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem***, u tfittex li taqbiżha billi jkollha spettur 1 għal kull 5 000 impjegat***;
[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).	[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

Or. fr

Emenda 221
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13]diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-	9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni

leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden ***lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi li l-Istati*** Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għassetturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil malpunt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għallimplimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden ***lill-Istati*** Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għassetturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil malpunt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;

[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għallimplimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

Or. en

Emenda 222
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għall-verifika tal-konformità malleġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta ***inizjattiva leġiżlattiva li tirrikjedi li l-Istati*** Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għassetturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil malpunt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;	9. Ifakkar li d-Direttiva 2006/22/KE[13] diġà tistabbilixxi regoli minimi għallverifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta ***rakkomandazzjoni li titlob lill-Istati*** Membri jiżguraw kapaċità minima adegwata ta' spezzjoni tax-xogħol għassetturi kollha ta' riskju għoli, bi qbil malpunt ta' riferiment tal-ILO ta' mill-anqas spettur tax-xogħol wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;
[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament	[13] Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).	Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/22/oj).

Or. en

Emenda 223
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tindirizza każijiet ta' fallimenti strateġiċi u għajbien tan-negozju, b'mod partikolari f'każijiet transfruntiera, flimkien mal-użu ħażin tal-fallimenti minn atturi frawdolenti, li jippermettulhom jevadu l-ħlas tal-pagi u tal-kontribuzzjonijiet soċjali, it-taxxi u kwalunkwe sanzjoni;

Or. fr

Emenda 224
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema ta' sanzjonijiet finanzjarji kontra kumpaniji li jwettqu ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, li tipprevedi mekkaniżmu doppju li

	jikkombina ammont minimu b'rata fissa u komponent proporzjonali għall-fatturat tal-kumpanija li tkun wettqet il-ksur, li jista' jkun sa 10 % tal-fatturat annwali globali, u 20 % għat-trasgressuri reċidivi, minbarra l-ħlas lura tal-għajnuna pubblika mogħtija lill-kumpanija inkwistjoni, sa u inkluża projbizzjoni milli topera fl-Unjoni Ewropea; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jittejbu l-applikabbiltà u l-irkupru tal-multi, tad-danni u tal-pagi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhux imħallsa fil-każijiet transfruntiera;

Or. fr

Emenda 225
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol;	***imħassar***
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.	

Or. fr

Emenda 226
Leila Chaibi, Estrella Galán, Marina Mesure, Anthony Smith, Per Clausen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol;	10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol; ***jitlob rikonoxximent reċiproku u leġiżlazzjoni Ewropea biex jiġu interkonnessi s-sistemi settorjali tal-karti tal-identità soċjali, filwaqt li jiġu allinjati mal-iskema Ewropea tal-passaporti tas-sigurtà soċjali;***
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.	[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.

Or. fr

Emenda 227
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol;	10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol; ***jissottolinja li tali għodod jeħtieġ li jitfasslu biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jissimplifikaw il-konformità għan-negozji u jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiġġieldu l-***

	abbuż kriminali;
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.	[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.

Or. en

Emenda 228
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu[14]għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol;	10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol; ***filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni b'saħħitha tad-data, mingħajr ma jinħoloq l-ebda rekord ċentralizzat tal-UE dwar l-impjegati, bl-użu ta' sistemi interoperabbli eżistenti (IMI/EESSI) u kostijiet minimi ta' konformità għall-SMEs.***
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.	[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.

Or. el

Emenda 229
Liesbet Sommen, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu[14]għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol;	10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol; ***iqis li dan għandu jgħin biex tittejjeb il-protezzjoni transfruntiera tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u tittejjeb il-kapaċità ta' infurzar tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol;***
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.	[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.

Or. en

Emenda 230
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Itenni t-talba tiegħu[14]għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika*** f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar ***kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti*** tax-xogħol;	10. ***Jisħaq fuq l-importanza tal-verifika*** f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ***nazzjonali*** tal-infurzar ***fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u l-permessi*** tax-xogħol;
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.	

Or. en

Emenda 231
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Marlena Maląg, Kosma Złotowski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol;	10. Itenni t-talba tiegħu[14] għal introduzzjoni rapida tas-sistema tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u għal titjib fl-infurzar diġitali tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali u l-mobbiltà ġusta, inklużi l-verifika f'ħin reali u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar kif ukoll l-integrazzjoni ***fuq bażi ta' każ b'każ*** tal-ESSPASS mas-sistemi nazzjonali eżistenti tal-karti tax-xogħol***, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-shab soċjali nazzjonali rilevanti***;
[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.	[14] Ir-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 2021.

Or. en

Emenda 232
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota l-valur tar-reġistri kummerċjali nazzjonali u tas-Sistema Ewropea ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) għall-intrapriżi li jfittxu informazzjoni dwar is-sottokuntratturi, għat-trade unions li jfittxu li jinvolvu ruħhom f'negozjar

kollettiv, kif ukoll għall-awtoritajiet tal-infurzar; jiddispjaċih li l-livell ta' informazzjoni aċċessibbli fir-reġistri kummerċjali nazzjonali jvarja ħafna; jistieden lill-Kummissjoni teżamina kif il-livell ta' informazzjoni disponibbli pubblikament jista' jittejjeb, billi tibbaża fuq l-aħjar prattiki fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 233
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota s-suċċess tal-inizjattivi fil-livell nazzjonali u dak settorjali bl-implimentazzjoni tal-karti tal-identità soċjali għall-identifikazzjoni tas-sit tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi qafas Ewropew li jibni fuq l-iskemi eżistenti bl-għan ta' sistema kompletament interoperabbli;

Or. en

Emenda 234
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jitlob l-integrazzjoni tal-ispezzjonijiet tal-akkomodazzjoni fl-ispezzjonijiet tax-xogħol f'setturi b'sehem għoli ta' ħaddiema migranti u stazzjonati, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-ħaddiema jkunu soġġetti għal

akkomodazzjoni degradanti, mhux sikura jew iffullata żżejjed ipprovduta mill-impjegaturi jew mill-intermedjarji;

Or. en

Emenda 235
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jinnota bi tħassib ir-riskji relatati mal-istazzjonar meta kkombinati ma' forom abbużivi ta' sottokuntrattar u intermedjazzjoni tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-użu tal-intermedjarji tax-xogħol u tal-aġenziji tax-xogħol temporanju fl-istazzjonar, inkluż ir-riskju li dawn l-arranġamenti jintużaw biex jiġu evitati l-obbligi ta' rendikont, issir ċirkomvenzjoni tal-obbligi tas-sigurtà soċjali u jitnawru l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza, u tieħu l-inizjattivi meħtieġa biex tillimita r-rwol ta' dawn l-atturi fl-istazzjonar;

Or. en

Emenda 236
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Raúl de la Hoz Quintano, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw	11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw

u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri;***	u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku;

Or. en

Emenda 237
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri;	11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri; ***b'rikonoxximent reċiproku awtomatiku permezz tal-IMI, salvagwardji għal proċess ġust u limiti ta' żmien ċari għall-iskambju ta' informazzjoni.***

Or. el

Emenda 238
Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota bi tħassib li l-individwi	11. Jinnota bi tħassib li l-individwi

soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw ***is-suq*** uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri;

soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw ***il-ġlieda kontra l-isfruttament tal-ħaddiema fis-suq*** uniku ***kollu***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 239
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ***rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll l-iskambju f'waqtu u sigur*** ta' informazzjoni ***rilevanti*** bejn l-Istati Membri;	11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku ***Ewropew***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ***skambju*** ta' informazzjoni ***u kooperazzjoni aktar effettivi*** bejn l-Istati Membri ***biex iwaqqfu l-atturi kriminali, b'enfasi fuq il-kriminalità organizzata transfruntiera aktar milli piżijiet addizzjonali fuq il-kumpaniji***;

Or. en

Emenda 240
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura rikonoxximent*** reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll ***l-iskambju*** f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri;	11. Jinnota bi tħassib li l-individwi soġġetti għal projbizzjonijiet ta' kummerċ fi Stat Membru wieħed jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet nazzjonali billi jirreġistraw u joperaw negozju fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jimminaw is-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni ***tippromwovi r-rikonoxximent*** reċiproku awtomatiku tal-projbizzjonijiet tal-kummerċ madwar l-Istati Membri kif ukoll ***il-prinċipju ta' reċiproċità u skambju*** f'waqtu u sigur ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 241
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza l-problema ta' atturi frawdolenti u kriminali fis-suq tax-xogħol li jużaw il-fallimenti biex jevadu r-responsabbiltà għal pagi, taxxi, kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kif ukoll sanzjonijiet amministrattivi mhux imħallsa; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-kwistjonijiet assoċjati mal-fallimenti strateġiċi u l-kumpaniji li jisparixxu, speċjalment fil-każijiet transfruntiera, u tieħu l-inizjattivi meħtieġa biex tnaqqas il-prevalenza tagħhom;

Or. en

Emenda 242
Benedetta Scuderi

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-mekkaniżmi tal-ilmenti huma għodda importanti biex jiġu żgurati spezzjonijiet immirati u biex l-impjegaturi jinżammu responsabbli, iżda għadhom mhux użati biżżejjed u inaċċessibbli, b'mod partikolari mill-ħaddiema mobbli u migranti;

Or. en

Emenda 243
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jinsab imħasseb dwar l-abbuż tal-fallimenti minn atturi frawdolenti biex jevadu l-pagi, it-taxxi, is-sigurtà soċjali, u s-sanzjonijiet, filwaqt li jimminaw l-infurzar u jagħmlu ħsara lill-ħaddiema, lill-finanzi pubbliċi, lill-klijenti u lis-sottokuntratturi; jistieden lill-Kummissjoni timmappja u tindirizza l-fallimenti strateġiċi u l-kumpaniji li jisparixxu, b'mod partikolari fil-każijiet transfruntiera;

Or. en

Emenda 244
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jipproponi l-ħolqien ta' lista kondiviża ta' esklużjoni għall-UE kollha aċċessibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għal individwi u ditti soġġetti għal projbizzjonijiet kummerċjali jew sanzjonijiet kriminali, biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet;

Or. en

Emenda 245
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jisħaq li s-sanzjonijiet għad-drittijiet tal-ħaddiema huma anqas żviluppati milli f'oqsma oħra tad-dritt tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta li torbothom mad-daqs jew il-fatturat tal-kumpanija biex ittejjeb l-effettività tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-infurzabbiltà u l-ġbir ta' multi, danni u pagi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhux imħallsa fil-każijiet transfruntiera;

Or. en

Emenda 246
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jilqa' l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fi skemi u programmi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej li jorbtu l-pagamenti mar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tal-inklużjoni tal-kundizzjonalità soċjali fil-politika agrikola komuni biex tiżgura li l-programmi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-kundizzjonalitajiet rigward l-istandards Ewropej tax-xogħol;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 247
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jilqa' l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fi skemi u programmi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej ***li*** jorbtu l-pagamenti mar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tal-inklużjoni tal-kundizzjonalità soċjali fil-politika agrikola komuni biex tiżgura li l-programmi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-kundizzjonalitajiet rigward l-istandards Ewropej tax-xogħol;	12. Jilqa' l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fi skemi u programmi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej***, u jitlob li dawn il-kundizzjonalitajiet jiġu estiżi biex jinkludu standards ambjentali, tal-ġeneru u tal-akkomodazzjoni, u*** jorbtu l-pagamenti ***mhux biss*** mar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema***, iżda wkoll mal-provvista ta' akkomodazzjoni adegwata għall-ħaddiema, miżuri ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-issodisfar tal-kriterji ta' sostenibbiltà tul il-ktajjen ta' sottokuntrattar***; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tal-inklużjoni tal-kundizzjonalità soċjali fil-politika agrikola komuni biex tiżgura li l-programmi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-kundizzjonalitajiet rigward l-istandards Ewropej tax-xogħol;

Or. en

Emenda 248
Nikola Bartůšek, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jilqa' l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fi skemi u programmi*** ta' finanzjament ***nazzjonali u Ewropej li jorbtu l-pagamenti mar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tal-inklużjoni tal-kundizzjonalità soċjali fil-politika agrikola komuni biex tiżgura li l-programmi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-kundizzjonalitajiet rigward l-istandards Ewropej tax-xogħol***;	12. ***Ifakkar li l-iskemi*** ta' finanzjament ***pubbliku m'għandhomx ikunu disponibbli fil-każ ta' abbuż kontra l-ħaddiema permezz tas-sottokuntrattar***;

Or. en

Emenda 249
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jilqa' l-użu ta'*** kundizzjonalitajiet soċjali ***fi skemi u programmi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej li jorbtu l-pagamenti mar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tal-inklużjoni tal-kundizzjonalità soċjali fil-politika agrikola komuni biex tiżgura li l-programmi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-kundizzjonalitajiet rigward l-istandards Ewropej tax-xogħol;***	12. ***Jappoġġja*** kundizzjonalitajiet soċjali ***mmirati fil-programmi tal-UE/nazzjonali, b'enfasi fuq ksur serju (traffikar tal-bnedmin, xogħol mhux iddikjarat, ksur sistematiku tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali), kriterji ċari u proporzjonati u t-tneħħija fil-pront għall-SMEs konformi.***

Or. el

Emenda 250
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jilqa'*** l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fi skemi u programmi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej ***li jorbtu l-pagamenti mar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-esperjenza tal-inklużjoni tal-kundizzjonalità soċjali*** fil-politika agrikola komuni ***biex tiżgura li l-programmi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-kundizzjonalitajiet rigward l-istandards Ewropej tax-xogħol***;	12. ***Jinnota li*** l-użu ta' kundizzjonalitajiet soċjali fi skemi u programmi ta' finanzjament nazzjonali u Ewropej fil-politika agrikola komuni ***mhuwiex fattibbli peress li s-settur agrikolu jvarja b'mod sinifikanti mis-settur tan-negozju tal-UE f'termini ta' skala, struttura tal-impjieg, u dipendenza ekonomika, bl-agrikoltura tkun kontributur iżgħar għall-PDG, filwaqt li s-settur tan-negozju huwa akbar u jinkludi miljuni ta' intrapriżi mikro u żgħar li jiġġeneraw valur miżjud ferm akbar***;

Or. en

Emenda 251
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-inklużjoni ta' klawżoli ta' benefiċċju komunitarju fl-akkwist pubbliku u fil-proġetti ffinanzjati mill-UE, li jirrikjedu li s-sottokuntratturi jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ħiliet lokali, għal inizjattivi ta' integrazzjoni soċjali u għal prattiki ambjentalment sostenibbli, u b'hekk jiżguraw li l-effetti pożittivi tal-investiment pubbliku jestendu lil hinn mill-post tax-xogħol immedjat;

Or. en

Emenda 252
Johan Danielsson, Estelle Ceulemans, Marianne Vind, Marit Maij, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Evelyn Regner, Marc Angel, Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinnota diskrepanzi fir-reġimi ta' sanzjonijiet fl-oqsma ta' politika kollha u josserva li, f'xi setturi, il-livelli ta' sanzjonijiet jintrabtu mad-daqs jew mal-fatturat tal-kumpanija biex jiġu żgurati l-proporzjonalità u d-deterrenza; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina jekk approċċi simili jistgħux isaħħu l-infurzar u jippromwovu kundizzjonijiet ekwi fis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali;

Or. en